MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 37/2015 LM

**Ann Downer**

***vs.***

**Sue Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' Jannar, 2015 mill-attriċi **Ann Downer** (ID numru 429800L) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-kontendenti kienu ffurmaw sħubija, ossia soċjetà ċivili, rigwardanti l-bejgħ u distribuzzjoni ta' prodotti ta' sbuħija f'Malta, u dan kif jirriżulta mill-annessa skrittura privata datata 28 ta' Ottubru, 2014 (Dok. A). Din is-soċjetà għandha l-ismijiet ta' Beauty Inc Company u Beauty Inc Boutique;*

2. *Illi skont l-istess ftehim l-attriċi ħallset is-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000) lill-konvenuta b'dan illi l-istess attriċi akkwistat nofs id-drittijiet li l-konvenuta kellha bħala aġent tad-ditti esteri LCN, Andreia u Nail Perfect;*

3. *Illi d-ditti esteri ġew infurmati b'dan u huma wkoll irrikonoxxew lill-attriċi bħala membru ta' din is-soċjetà ċivili;*

4. *Illi inoltre, skont l-istess ftehim, il-kontendenti kellhom ishma ndaqs fis-soċjetà ċivili msemmija;*

5. *Illi riċentement l-attriċi saret taf illi l-konvenuta qabdet u mmisapproprjat somom ta' flus appartenenti lill-istess soċjetà ċivili u użat l-istess fondi għal skopijiet tagħha personali u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

6. *Illi apparti minn hekk riċentement ukoll il-konvenuta qabdet u mingħajr ebda raġuni valida u unilateralment irtirat mis-soċjetà ċivili in kwistjoni u apparti minn hekk ikkomunikat mad-ditti esteri fis-sens illi dawn ma kellhom jissuplixxu aktar lill-attriċi;*

7. *Illi ukoll, il-konvenuta qiegħda taġixxi bħala aġent tad-ditti esteri msemmija, u qed tavviċina lill-klijenti tas-soċjetà ċivili in kwistjoni u qed tiġbor flejjes dovuti lis-soċjetà ċivili;*

8. *Illi, apparti minn hekk, l-attriċi ma ngħatat l-ebda ammont lilha bħala sehem mill-profitti tan-negozju;*

9. *Illi b'konsegwenza ta' dan kollu l-attriċi sofriet danni minħabba illi ma tistax tinnegozja.*

10. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

- *i) Tiddikjara illi l-konvenuta mmisapproprjat somom ta' flus appartenenti lis-soċjetà ċivili ta' bejn il-kontendenti u użat l-istess somom għal skopijiet tagħha personali;*
- *ii) Tillikwida s-somma hekk misapproprjata;*
- *iii) Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata;*
- *iv) Prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuta m'għandhiex il-jedd li taġixxi waħedha ta' aġent għad-ditti esteri LNC, Andreia u Nail Perfect, tiddikjara illi l-istess konvenuta kkawżat danni lill-attriċi meta unilateralment u mingħajr*

*raġuni irtirat mis-soċjetà ċivili ffurmata bejn il-kontendenti, meta waqqfet lid-ditti esteri LCN, Andreia u Nail Perfect milli jissuplixxu lill-attriċi, u meta kompliet taġixxi bħala aġent waħedha kif fuq spjegat;*

*v) Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attriċi;*

*vi) Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment, l-imgħax, u l-konvenuta inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Sue Caruana** (numru tal-karta tal-identità 285770M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

*1. Illi t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponent intimat huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi u dan għar-raġunijiet premessi;*

*2. Illi l-ewwel tliet talbiet huma opposti għaliex:-*

*a. l-eċċipjenti qatt ma mmisapproprjat flus ta' ħadd u ċertament qatt ma mmisapproprjat flus tal-attriċi. Kif spjegat aħjar fid-dikjarazzjoni maħlufa hawn annessa, għad illi huwa minnu illi l-attriċi ħarġet is-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000), dik is-somma tħallset kollha kemm hi – kif kien maħsub fil-ftehim bejn il-kontendenti – fin-negozju illi riedu jwaqqfu bejniethom il-kontendenti, liema negozju spiċċa kontrollat għal kollox mill-istess attriċi illi b'dan il-mod spiċċat mhux biss il-benefiċjarja ta' kull somma illi ntefqet minnha, iżda wkoll mill-avvanzi u kontribuzzjonijiet oħra tal-konvenuta;*

*b. Illi mhux minnu illi l-eċċipjenti 'qabdet u ... rtirat mis-soċjetà' ta' bejn il-kontendenti, iżda ġiet fiżikament u vjolentement imġiegħla mill-attriċi illi titlaq mill-ambjenti fejn kien qiegħed jiġi ġestit dan in-negozju – senjatament fil-proprjetà tal-istess attriċi – u kienet l-attriċi illi biss ftit ġranet wara illi saret l-iskrittura tat-28 ta' Ottubru, 2014, keċċiet lill-eċċipjenti u bidlet is-serraturi tal-bibien tal-fond fejn kien qiegħed jiġi ġestit in-negozju soċjali.*

*3. Illi r-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi huma opposti għaliex*

a) *Illi l-eċċipjenti żammet id-dritt illi tibqa' tirrappreżenta d-ditti li semmiet iżda fir-realtà hija l-attriċi illi qiegħda teżerċita dak id-dritt;*
b) *Illi kif ingħad, kienet l-attriċi illi fiżikament u vjolentement keċċiet lill-eċċipjenti mill-fond ossia ġiegħlet lill-eċċipjenti titlaq minn dan il-fond u kwalsiasi pretensjoni msejsa fuq allegazzjoni kontrarja hija inveritiera.*
c) *Illi l-unika persuna danneġġata minn dan kollu kienet l-eċċipjenti, illi spiċċat biex raddet lill-attriċi negozju illi hija kienet bniet fuq medda ta' snin u ħalliet jew ġiet imġiegħa tħalli warajha stock b'valur ta' viċin il-mitt elf Euro (€100,000).*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta **Sue Caruana,** li permezz tagħha ddikjarat:

1 *Illi s-soċjetà Beauty Incorporated Limited (C-34935) kienet diġà teżisti u ilha hekk teżisti sa mill-5 ta' Novembru 2004 u ilha minn dak iż-żmien ġestita esklussivament mill-esponenti;*

2 *Illi fuq medda ta' snin, il-konvenuta bniet u kabbret l-istatura kummerċjali ta' din is-soċjetà billi żiedet il-klijenti u l-prodotti disponibbli għal tqassim;*

3 *Illi matul is-sena li għaddiet, l-attriċi interessat ruħha illi tidħol f'dan in-negozju u l-partijiet iffurmaw soċjetà bl-intendiment, rifless fl-iskrittura tat-28 ta' Ottubru 2014, illi l-ġestjoni tal-istess soċjetà tibqa' fdata f'idejn il-konvenuta filwaqt illi l-attriċi kellha tkun 'silent partner'. L-attriċi kienet informat lill-esponenti illi hija ma riditx ikollha x'taqsam mal-amministrazzjoni tas-soċjetà u għalhekk riedet tħalli l-amministrazzjoni f'idejn l-esponenti. L-attriċi saħansitra stqarret mal-esponenti illi hi kienet tkun imsiefra ħafna stante illi tippreferi tgħix barra minn Malta;*

4 *Illi l-partijiet qablu li l-valur tan-negozju tal-esponenti kien ta' madwar sebgħin elf Euro (€70,000) bil-konsegwenza li l-partijiet qablu illi l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti kellha tkun tal-istess ammont, ċioe ta' sebgħin elf Euro (€70,000). Il-partijiet qablu wkoll illi huma kienu ser jibdew joperaw minn proprjetà ġewwa s-Swieqi li tappartjeni lir-rikorrenti;*

5 *Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, dan l-ammont ta' sebgħin elf Euro (€70,000) ġew investiti fil-kumpannija mill-partijiet li bihom xtraw stock ġdid, u impjegaw numru ta' individwi inkluż it-tfal tal-partijiet fost affarijiet oħrajn;*

6 *Illi apparti minn hekk, bil-flus in kwistjoni saru numru ta' benefikati fid-dar tal-attriċi ġewwa s-Swieqi li minnha s-soċjetà kienet ser topera. Inxtraw l-għamara u*

*soft furnishings, sar xogħol ta' tikħil, tiling, plastering, u tibjid, kemm barra u kif ukoll ġewwa, u anke inbidlet il-kamra tal-banju. Dan b'kollox ammonta għal ħamsin elf Euro (€50,000);*

7 *Illi l-għoxrin elf Euro (€20,000) l-oħra intużaw mill-attriċi stess meta siefret l-Ingilterra u bihom xtrat arredamenti, xugamani u hairdressing accessories oħra fost affarijiet oħra* ***u qatt ma ngħataw jew kienu fil-kontroll tal-esponent****i;*

8 *Illi di più, l-esponenti irtirat mis-soċjetà mhux mingħajr raġuni valida kif allegat ir-rikorrenti iżda għaliex:-*

A *L-attriċi inġustament akkużat lill-istess esponenti ta' serq;*

B *L-attriċi bidlet il-ftehim oriġinali ta' bejn il-partijiet inkluż ftehim dwar il-kiri tal-fond ġewwa s-Swieqi u minn silent partner riedet illi tieħu f'idejha t-tmexxija tan-negozju b'mod illi taqta' lill-espnenti;*

C *L-attriċi heddet lill-esponenti u kienet fiżikament aggressiva magħha; u*

D *L-attriċi flimkien mat-tifla tagħha, Demi Mangion, abbużaw lill-esponenti billi fiżikament aggredewha u billi l-imsemmija Demi Mangion beżqitilha u tefgħetilha l-mobile.*

Rat il-Kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanti **Sue Caruana** (ID numru 285770M) ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minnha stess, li tgħid kif ġej:

*Illi l-konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-kawża istitwita mill-attriċi sabiex a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 396 et seq tal-Kapitolu 12;*

*Illi f'Marzu tas-sena 2014 u kif inhu paċifiku bejn il-kontendenti, l-istess kontendenti ffurmaw bejniethom soċjetà billi l-attriċi tissieħeb f'sehem indaqs fin-negozju allura ġestit mis-soċjetà kontrollata mill-konvenuta, ċioe Beauty Incorporated Limited (C-34935), bl-intendiment illi n-negozju hekk ġestit kellu jitmexxa mill-konvenuta u jiġi stabbilit fil-fond 11, Triq il-Miġbed, Swieqi, proprjetà tal-attriċi;*

*Illi għal biex dan iseħħ u wara kalkoli illi saru informalment mill-kontendenti, ġie maqbul illi l-attriċi kellha tħallas ossia toħroġ is-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000) għal ġid soċjali ossia komuni, filwaqt illi l-konvenuta kellha ddaħħal ossia tikkonsenja lin-negozju ta' bejn il-kontendenti, l-istocks ta' prodotti tas-soċjetà Beauty Incorporated Limited, u kif ukoll l-avvjament tal-imsemmija*

*soċjetà Beauty Incorporated Limited, inkluż il-klijenti u l-impjegati u l-aġenziji illi allura kellha l-istess soċjetà Beauty Incorporated Limited;*

*Illi l-valur tal-istock ossia prodotti illi ġew introdotti mill-konvenuta fin-negozju komuni kellu jlaħħaq madwar mitt elf Euro (€100,000);*

*Illi l-partijiet kienu qablu ili biex il-fond ġewwa s-Swieqi, proprjetà tal-attriċi u fuq imsemmi, jiġi utilizzat għall-iskop tan-negozju komuni kellhom isiru fih diversi xogħlijiet, fosthom it-tikħil, kisi u żebgħa tal-fond, minn barra u minn ġewwa, it-tibdil tal-madum tas-sular ta' isfel; it-tibdil tal-kamra tal-banju; ix-xiri ta' għamara u arredamenti ġewwa l-kmamar kollha tal-istess fond; dana kollu sar f'Mejju u Ġunju tas-sena 2014 u kien jiswa madwar ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000), liema somma tħallset mill-konvenuta in kwantu għal ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), u l-bilanċ tħallas direttament mill-konvenuta illi insistiet illi kienet ħallset madwar għoxrin elf Euro (€20,000) fl-Ingilterra meta l-konvenuta kienet siefret biex tixtri oġġetti għall-użu fin-negozju komuni;*

*Illi l-bilanċ tas-somma avvanzata lill-konvenuta mill-attriċi intefaq fix-xiri ta' prodotti ta' reklamar u spejjeż simili approvati mill-kontendenti u bżonnjużi għan-negozju komuni;*

*Illi lejn l-aħħar ta' Ġunju 2014, il-kontendenti bdew joperaw mill-imsemmi fond tal-attriċi iżda wara madwar xahar u nofs, ċioe lejn nofs Awwissu, ir-rapport ta' bejn il-kontendenti ddeterjora minħabba l-imġiba ħażina tal-attriċi illi jiġi dettaljat matul is-smigħ tal-kawża u kien jikkonsisti f'suspetti, akkużi ta' serq, għajjat u ħwejjeġ simili;*

*Illi r-rapport bejn il-kontendenti baqa' jmur għall-agħar b'xeni ta' aggressjoni illi l-konvenuta tiddettalja matul is-smigħ tal-kawża. L-attriċi insistiet illi riedet illi l-ftehim ta' bejn il-kontendenti kellu jiġi regolat permezz tal-iskrittura (eventwalment iffirmata fl-24 ta' Ottubru, 2014), illi ġie ppreżentat mill-attriċi lill-konvenuta u proprju għaliex l-attriċi wiegħdet illi hekk kif din l-iskrittura tiġi ffirmata, is-sitwazzjoni kellha tikkalma ruħha, il-konvenuta aċċettat illi tiffirma din l-iskrittura;*

*Illi ftit ġranet wara, u dejjem f'xeni ta' aggressjoni illi ukoll jiġu deskritti dettaljatament mill-konvenuta fil-kors tas-smigħ tal-kawża, l-attriċi bidlet is-serratura tal-bieb tal-fond, u minħabba l-aggressjoni tal-attriċi, il-konvenuta ma resqitx aktar lejn dan in-negozju proprju minħabba t-theddid u aggressjoni tal-attriċi u l-biżgħa illi dan nissel fiha;*

*Illi l-konvenuta ħalliet warajha fin-negozju l-istock kollu introdott minnha fl-istess negozju, l-informazzjoni kollha dwar il-klijenti tagħha, l-informazzjoni*

*kollha dwar id-ditti illi hija kienet tirrappreżenta, il-kompjuter tal-kumpannija tagħha u l-kotba tal-kumpannija. Il-kompjuter u l-kotba ġew ritornati lill-esponenti bl-intervent tal-Pulizija;*

*Illi wara li l-konvenuta telqet min-negozju komuni, l-attriċi baqgħet tbiegħ il-prodotti komuni (sew dawk introdotti mill-konvenuta u kif ukoll dawk akkwistati bil-kontribut tal-istess attriċi) u żżomm u tinkassa għall-benefiċċju tagħha id-dħul ġej minn tali bejgħ, tant illi anke ġiegħlet lil xi klijenti illi kienu laħqu ħarġu cheques f'isem Beauty Incorporated biex jikkoreġu c-cheques maħruġa biex jiġu intestati f'isem bintha Melanie Agius;*

*Illi bl-użu tal-informazzjoni imħollija mill-konvenuta, l-attriċi avviċinat lil diversi ditti illi qabel kienu rappreżentati mill-konvenuta jew mid-ditta tagħha, u kisbet għaliha nnifisha r-rappreżentanza ta' dawn id-ditti;*

*Illi b'konsegwenza tal-imġiba illegali tagħha, l-attriċi baqgħet benefiċjarja tal-infiq kollu illi għamlet hija stess, u inoltre, żammet u approprjat għall-benefiċċju tagħha dak kollu illi l-istess konvenuta kienet avvanzat lin-negozju komuni ta' bejn il-kontendenti, b'mod illi n-'negozju' bejn il-kontendenti spiċċa biex ma kien jikkonsisti f'xejn għajr għall-kunsinna forzata tal-ġid tal-konvenuta lill-attriċi;*

*Għaldaqstant il-konvenuta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-imġiba tal-attriċi fuq imsemmija konsistenti sew f'dak imsemmi fil-premessi ta' din il-kontro-talba u dak li sejjer jirriżulta mill-provi f'din il-kawża kien illegali u kien jikkonsisti fi ksur tal-ftehim bejn il-kontendenti a dannu tal-konvenuta;*

2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenuta;*

3. *Tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuta, in linea ta' danni, dik is-somma illi tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi illi hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attriċi rikonvenzjonata **Ann Downer** (ID numru 429800L) għall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, li ġiet ippreżentata fis-7 ta' April, 2015 u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

1) *Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, stante illi l-attriċi rikonvenzjonata ma kkawżat l-ebda danni lill-intimata rikonvenzjonanti;*

2) *Illi mingħajr preġudizzju, minn qari tal-kontro-talba, jirriżulta li dak li qiegħda tippretendi l-intimata rikonvenzjonanti, in pessima ipotesi, kieku kellu jirriżulta, huma danni sofferti mill-kumpannija Beauty Incorporated Limited C-34935, li mhijiex parti f'dawn il-proċeduri.*

3) *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni odjerna oriġinat minn ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-kawża, li wara snin ta' ħbiberija, kienu ddeċidew li jidħlu sħab f'negozju, li qabel dan il-ftehim kien diġà jeżisti, u kien ikkontrollat u ġestit esklussivament mill-konvenuta, Sue Caruana, li kienet ilha topera fil-qasam tas-servizzi tas-sbuħija, u speċifikament fil-qasam tat-tatwaġġi u tad-dwiefer, għal diversi snin. Kien fl-

2014 li l-partijiet iddeċidew li jidħlu sħab f'negozju li kellu jitmexxa minn proprjetà tal-attriċi, u dan wara li l-istess attriċi kkontribwiet sebgħin elf Euro (€70,000) li kellhom ikunu s-sehem tagħha f'din is-sħubija, liema ammont ta' flus kien jekwivali bejn wieħed u ieħor għall-i*stock* eżistenti li kellha l-konvenuta u li kien ser jintuża fin-negozju li ffurmaw bejniethom il-partijiet. Huwa paċifiku li filwaqt li l-attriċi ma kellha ebda ħiliet speċifiċi li permezz tagħhom setgħet tippresta xi forma ta' servizz fis-*salon* li fetħu bejniethom il-partijiet, il-konvenuta kienet ilha snin twal topera f'dan il-qasam, tant li qabel daħlet f'din is-sħubija mal-attriċi, kellha għadd ta' *salons* minn fejn kienu jiġu mogħtija għadd ta' servizzi relatati mad-dwiefer u t-tatwaġġi, u fejn kienet timpjega magħha għadd ta' persuni. Il-konvenuta kienet involuta wkoll fl-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' għadd ta' prodotti tas-sbuħija, kif ukoll f'akkademji għat-tagħlim ta' persuni li xtaqu jitħarrġu f'dawn l-oqsma. Minn dak li rriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, is-sħubija bejn il-partijiet falliet prattikament wara ftit ġimgħat biss li fihom il-konvenuta flimkien mal-impjegati tagħha, bdew jaħdmu minn proprjetà fis-Swieqi appartenenti lill-attriċi, u li skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, kellha titħallas tagħha kera mensili ta' €1,500.

L-attriċi tallega li l-konvenuta b'xi mod immisapproprjat il-kapital investit mill-attriċi fil-kumpannija, billi użat fondi tal-kumpannija biex ħallset għal effetti personali tagħha, u kien għalhekk li hija fetħet din il-kawża li permezz tagħha qiegħda titlob il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tal-fondi li allegatament ġew misapproprjati. L-attriċi għamlet allegazzjonijiet oħra fil-konfront tal-konvenuta, fosthom li din kienet avviċinat lid-ditti esteri li kienu jfornu l-prodotti għan-negozju u qaltilhom biex ma jissuplixxux lill-attriċi, kif ukoll li l-konvenuta ġabret flus li kienu dovuti lill-attriċi.

Il-konvenuta min-naħa tagħha ċaħdet li hi b'xi mod immisapproprjat fondi tan-negozju, u qalet li hi, flimkien ma' bintha, kienu kostretti jitilqu min-negozju li fetħu mal-attriċi wara biss ftit ġimgħat, minħabba fl-imġiba ħażina tal-attriċi, li bdiet tissuspetta fil-konvenuta u f'għadd ta' impjegati oħra li qalet li kienu qegħdin jisirquha, u minħabba f'theddid, vjolenza u t-tensjoni li ġiet iġġenerata f'dan il-post tax-xogħol. Inoltre l-konvenuta allegat ukoll li hi kellha tħalli warajha negozju li kienet bniet fuq medda ta' snin, u li meta telqet mis-sħubija li kellha mal-attriċi, prattikament kellha terġa' tibni r-reputazzjoni tagħha mill-ġdid, apparti li kellha tara x'tagħmel biex terġa' tibni l-i*stock* tagħha u l-klijentela tagħha.

Kien għalhekk li l-konvenuta ressqet kontrotalba fis-sens li talbet lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha minħabba f'dak kollu li ġara bejn il-partijiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur l-attriċi ppreżentat kopja tal-ftehim ta' sħubija li kellhom bejniethom il-partijiet bid-data tat-28 ta' Ottubru, 2014[1], fejn ġie miftiehem illi b'effett minn Mejju tal-2014, l-attriċi **Ann Downer** kienet qiegħda toħroġ is-sehem ta' sebgħin elf Euro (€70,000) fi *Beauty Inc Company* u *Beauty Inc Boutique*. Ġie miftiehem ukoll li s-soċjetà *Company Beauty Incorporated,* li qabel dan il-ftehim kienet ġestita esklussivament mill-konvenuta, kienet ser titħalla topera sa Diċembru tal-2015, u li minn wara din id-data, kellha tiġi ffurmata sħubija bejn il-partijiet fil-kawża. Is-soċjetà

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

inkwistjoni hi distributur waħdieni f'Malta tad-ditti LCN, Nail Perfect u Andreia *gel polish.* Ġie miftiehem ukoll li l-konvenuta kellha tieħu ħsieb it-tmexxija tal-kumpanniji skont l-aħjar abbilità tagħha u kellha tieħu ħsieb ukoll l-impjegati tal-kumpannija, il-klijenti u l-kampanji ta' reklamar u promozzjoni. Ġie miftiehem ukoll li l-konvenuta kellha tagħti *feedback* regolari lill-attriċi dwar l-istat finanzjarju tal-kumpannija, u li din kellha tipprovdilha rapporti finanzjarji ta' kull xahar. In-negozju kellu jitmexxa minn ġewwa fond fis-Swieqi proprjetà tal-attriċi, li għalih il-kumpannija ffurmata bejn il-partijiet kellha tħallas elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar bħala kera.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2015, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Martin Borg**[2], rappreżentant tal-Banif Bank, li esebixxa *statement* bankarju u kopja tal-kont kurrenti u tal-*credit card* tal-konvenuta għas-sena 2014. Ix-xhud qal li l-kont tal-*credit card* u għalhekk jidher li ma kien fih xejn.

Fl-istess udjenza nstemgħet ukoll ix-xhieda ta' **Carmen Mifsud**[3], li kienet impjegata mal-konvenuta bħala amministratriċi, u li kienet ilha hekk impjegata mis-sena 2012. Ix-xhud qalet li kienet tagħmel ukoll xogħol ta' *book-keeping,* u esebiet il-ktieb tan-negozju li kellhom il-partijiet flimkien.[4] Ix-xhud qalet li hi ddistingwiet il-pagamenti li kienu jsiru għall-konvenuta f'isimha personali, u dawk li kienu jsiru għan-negozju. Ix-xhud ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li filwaqt li fil-passat hi kienet tagħmel xogħol għall-konvenuta, u għamlet żmien taħdem għall-partijiet it-tnejn meta dawn kienu sħab fin-negozju, fiż-żmien li fih tat ix-xhieda tagħha hija kienet impjegata tal-attriċi.

---

[2] *A fol.* 32A tal-proċess.
[3] *A fol.* 34A tal-proċess.
[4] *A fol.* 35 tal-proċess.

L-attriċi **Ann Downer** xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[5], fejn ikkonfermat illi hi kienet ilha taf lill-konvenuta għal dsatax-il (19) sena, u li madwar ħmistax-il (15) sena qabel, il-konvenuta kienet infurmatha li kien fi ħsiebha tiftaħ ħanut tas-sbuħija fis-Swieqi, u staqsietha jekk kinitx interessata li tidħol sħab magħha fin-negozju. L-attriċi kompliet tgħid li dak iż-żmien hi ma kinitx interessata f'din il-proposta ta' negozju. Xi żmien wara, il-konvenuta kienet infurmat lill-attriċi li kienet fetħet ħanut ieħor tas-sbuħija, din id-darba f'Tas-Sliema, u għal darb'oħra staqsiet lill-attriċi jekk kinitx interessata li tidħol sħab magħha fin-negozju. L-attriċi qalet li wara li ħasbet fuq din il-proposta, iddeċidiet li tirrifjutaha. Madanakollu fl-2014 il-partijiet kienu qegħdin jitkellmu bejniethom, u wara li l-attriċi semmiet li xtaqet tiftaħ negozju, il-konvenuta kienet staqsietha jekk kinitx interessata tidħol sħab magħha, minħabba li kellha xewqa li tiftaħ ħanut ieħor tas-sbuħija iżda ma kellhiex il-kapital neċessarju biex tagħmel dan.[6] Il-proposta kienet tikkonsiti fl-użu ta' dar li kellha l-attriċi fis-Swieqi bħala l-post minn fejn jiġi ġestit in-negozju, liema dar kellha tiġi rranġata sabiex tkun tista' tintuża bħala *salon* tas-sbuħija. Il-konvenuta kienet ipproponiet lill-attriċi biex tħallas is-somma ta' sittin elf Euro (€60,000) li kellha tintuża għat-tibdil li kien hemm bżonn isir fl-imsemmija dar, kif ukoll sabiex jinxtraw prodotti tas-sbuħija, sabiex setgħu jingħataw is-servizzi neċessarji lill-klijenti tan-negozju. L-attriċi qalet li l-konvenuta kienet wegħditha li ser tkun sħab fin-negozju bis-sehem ta' ħamsin fil-mija (50%), u li kienet ser tieħu ħamsin fil-mija (50%) tal-profitti ġġenerati mill-bejgħ ta' prodotti tas-sbuħija. L-attriċi kellha tirċievi wkoll is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) bħala kera għall-użu tad-dar tagħha minn fejn kellu jopera n-negozju, li kellha tibda tiddekorri minn Ġunju tal-2014. L-attriċi qalet li l-

[5] *A fol.* 39 tal-proċess.
[6] *A fol.* 47 tal-proċess.

konvenuta kienet ħadet ħsieb tinforma lill-inkwilini li kien hemm fid-dar tal-attriċi li dawn kellhom joħorġu minn din id-dar. L-attriċi kompliet tgħid li fil-verità hi ħallset sebgħin elf Euro (€70,000) sabiex tissieħeb fin-negozju mal-konvenuta, u li parti żgħira minn dan l-ammont kienet intużat għall-miljoramenti li kien hemm bżonn isiru fid-dar inkwistjoni. Qalet ukoll li l-konvenuta kienet tħallset dan l-ammont permezz ta' diversi ċekkijiet kif ukoll bi flus kontanti. L-attriċi kompliet tgħid li l-partijiet bdew joperaw in-negozju f'April tal-2014, u li fil-bidu kienu bdew joperaw mid-dar tal-konvenuta, u dan sakemm sar ix-xogħol li kien meħtieġ li jsir fil-proprjetà tal-attriċi. Skont l-attriċi ntefqu sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800) fuq ix-xogħol li kien hemm bżonn isir fid-dar tagħha, filwaqt li tħallsu sitt elef Euro (€6,000) lill-mastrudaxxa għall-għamara, u l-attriċi nefqet ukoll erbat elef, tmien mija u disgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€4,859.99) sabiex xtrat xi *soft furnishings* mill-Ingilterrra. L-attriċi qalet li bejn April u Mejju 2014 kienet il-konvenuta li kienet qiegħda tieħu ħsieb tiġġestixxi n-negozju minn ġurnata għall-oħra, u li l-attriċi qatt ma ngħatat sehem mill-profitti f'dan il-perijodu. Anne Downer qalet ukoll li hi lanqas ma ngħatat rendikont ta' x'kien qiegħed jintefaq u xi dħul kien qiegħed jiġi ġġenerat. Kompliet tgħid li f'Ġunju tal-2014, il-partijiet bdew joperaw mid-dar tal-attriċi fis-Swieqi, u li minn hemm in-negozju beda jikber, tant li bdew joffru diversi servizzi tas-sbuħija. L-attriċi qalet li s-servizzi kienu jingħataw mill-konvenuta nnifisha, mill-impjegati tagħha, minn bint il-konvenuta u mit-tliet ulied tal-attriċi li ġew impjegati fil-kumpannija fuq insistenza tal-konvenuta. L-attriċi kompliet tgħid li l-konvenuta kienet qaltilha li l-profitti kienu mistennija li jibdew jiġu ġġenerati madwar sitt xhur jew sena wara, u li għalhekk hi ma talbet xejn f'dan iż-żmien. Qalet li lanqas il-kera għall-użu tad-dar tagħha ma talbet mingħand il-

konvenuta. L-attriċi kompliet tgħid li f'Awwissu 2014, hija kienet talbet lill-konvenuta ttiha rendikont tal-profitti, dħul u ħruġ tan-negozju, u li din kienet qaltilha li ma kellhiex ħin biex toqgħod iżżomm il-kotba u taġġorna r-*records* tan-negozju. F'Settembru tal-2014 it-tifla tal-attriċi kienet intbagħtet tixtri xi prodotti tas-sbuħija minn spiżerija u meta l-attriċi kienet staqsiet lil bintha x'kienet ir-raġuni li għaliha ma intużawx prodotti tal-kumpannija, din kienet weġbitha li l-konvenuta ma kellhiex flus biex tixtri l-prodotti. Anne Downer qalet li għamlet xi verifiki, u indunat li l-konvenuta kienet qiegħda tonfoq flus tal-kumpannija biex tagħmel tajjeb għal spejjeż personali tagħha. Qalet ukoll li tqanqlulha xi suspetti fuq impjegata tal-kumpannija, ċerta Holly Sant, impjegata bħala *sales representative*, li f'salt wieħed ma bdietx ittiha rendikont ċar dwar il-bejgħ tal-prodotti li kien qiegħed isir. Qalet li ftit wara l-partijiet kellhom l-ewwel argument bejniethom, fejn kienu ddeċidew li n-negozju għandu jitmexxa minn bint l-attriċi u minn bint il-konvenuta flimkien. L-attriċi qalet li f'dak iż-żmien hi talbet ukoll lill-konvenuta biex tibda tħallas il-kera għall-użu tal-proprjetà tagħha[7], u li l-konvenuta kienet tatha *cheque* ta' elf Euro (€1,000) u ħames mitt Euro (€500) fi flus kontanti. L-attriċi kompliet tgħid li hi baqgħet tissuspetta li l-konvenuta kienet qiegħda tagħmel użu minn flus tan-negozju tagħhom għall-użu personali tagħha, u li meta kkonfrontatha b'dawn is-suspetti, il-konvenuta kienet ammettiet magħha li kienet 'serqet' għaxart elef Euro (€10,000) li kienu jappartjenu lin-negozju bejn il-partijiet. L-attriċi qalet ukoll li l-partijiet kienu ffirmaw skrittura bejniethom fejn kienu qablu li l-konvenuta kellha trodd għaxart elef Euro (€10,000) lura lin-negozju, u dan fil-preżenza ta' bint il-konvenuta stess u l-impjegata Carmen Mifsud. L-attriċi kompliet tallega li minkejja dan, il-konvenuta baqgħet tagħmel użu

[7] Oriġinarjament kien ġie miftiehem bejn il-partijiet li l-kera kellha tibda titħallas minn Settembru 2014.

minn flejjes iġġenerati min-negozju għall-użu personali tagħha. Kien hawnhekk li l-partijiet iddeċidew li l-ftehim li kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom kellu jinbidel, u dan sabiex l-attriċi tkun involuta fit-tmexxija tan-negozju minn jum għal jum[8], u sabiex ikollha rwol attiv fin-negozju. L-attriċi qalet li f'Ottubru tal-2014 il-konvenuta kienet tatha *cheque* ta' sitt elef Euro (€6,000) sabiex tkopri l-kera għall-perijodu bejn Lulju u Ottubru tal-2014. Fl-10 ta' Novembru 2014 l-attriċi kienet infurmat lill-konvenuta li hi ma xtaqitx tkompli bis-sħubija li kellhom bejniethom il-partijiet, u li xtaqet li postha fin-negozju tieħdu bintha Monica. Madanakollu ġurnata biss wara, fil-11 ta' Novembru, 2014, il-konvenuta kellha argument ma' bint l-attriċi, u kien hawnhekk li l-konvenuta qalet li kienet xebgħet bis-sitwazzjoni, u li kienet ser titlaq min-negozju. L-attriċi qalet ukoll li in vista tas-sitwazzjoni li nħolqot fil-kumpannija, hi kienet staqsiet lil bint il-konvenuta jekk kinitx disposta li tibqa' taħdem fin-negozju li kellhom bejniethom il-partijiet, u din kienet weġbitha li xtaqet titlaq. L-attriċi kkonkludiet li minbarra s-sebgħin elf Euro (€70,000) li ħallset lill-konvenuta, hi sabet problemi oħrajn b'fatturi (*invoices)* li ma tħallsux[9], waħda fl-ammont ta' tmint elef, erba' mija u tnejn u disgħin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€8,492.65) dovuti lid-ditta tal-kosmetiċi WILDER u l-oħra dovuta lid-ditta Higicol fl-ammont ta' tlett elef, disa' mija u tliet Euro (€3,903), u li dawn l-ammonti għamlet tajjeb għalihom hi. L-attriċi qalet ukoll li mhux minnu li l-konvenuta kienet ħalliet b'kemm jiswew mitt elf Euro (€100,000) fi *stock* fil-ħanut, u li bejn April 2014 u Ottubru 2014, il-konvenuta kienet għamlet b'kemm jiswew tmienja u tletin elf Euro (€38,000) f'ordnijiet ta' prodotti ġodda. Qalet ukoll li bejn Ġunju u Ottubru tal-2014, il-konvenuta kienet ħadet mat-tnax-il elf, mitejn u sebgħin Euro (€12,270) f'salarji mill-kumpannija,

[8] Kopja tal-ftehim oriġinali *a fol.* 55 tal-proċess, filwaqt li kopja tal-ftehim il-ġdid tinsab *a fol.* 57 tal-proċess.
[9] Kopji *a fol.* 60 *et seq.* tal-proċess.

filwaqt li x-xogħol li kien hemm bżonn isir fuq id-dar tal-attriċi sewa wieħed u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u sebgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€21,874.87) u mhux ħamsin elf Euro (€50,000) kif allegat il-konvenuta.[10] L-attriċi kompliet tgħid li wara li l-konvenuta telqet min-negozju, ma kienx baqa' ħafna *stock* li bih seta' jitkompla x-xogħol, u hi sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tagħmel ordnijiet mingħand is-*suppliers* tal-kumpannija minħabba li dawn kellhom kuntratt mal-konvenuta li kien jiskadi f'Diċembru tal-2014. L-attriċi kompliet tgħid li hi ġiet rikonoxxuta bħala distributur esklussiv għal LCN u Andreia f'Jannar tal-2015, u kien biss f'dak iż-żmien li setgħet issir minnha ordni mill-ġdid tal-prodotti li kienu meħtieġa. Hi kompliet tgħid li wara li telqet il-konvenuta, ma kien hemm l-ebda flus iddepożitati fin-negozju, u li lanqas kien hemm biżżejjed flus biex jitħallsu l-pagi. L-attriċi esebiet *statements* bankarji li jindikaw li l-konvenuta għamlet użu minn fondi tal-kumpannija sabiex tħallas għal spejjeż personali tagħha.[11] Hi spjegat li minn dawn l-*istatements* jidher ċar li l-konvenuta kienet tieħu elf u ħames mitt Euro (€1500) fix-xahar sabiex tħallas self bankarju tagħha personali, kif ukoll kienet tutilizza l-fondi tal-kumpannija biex tħallas kontijiet personali tagħha. Qalet ukoll li bejn Ġunju u Ottubru 2014, il-konvenuta ħadet mat-tnax-il elf Euro (€12,000) f'salarji. L-attriċi qalet li f'Diċembru tal-2014 il-konvenuta kkuntattjat lis-*suppliers* barra minn Malta u qaltilhom li hi ma kien għad baqgħalha l-ebda rabta man-negozju.[12] Kien hemm ukoll debituri tan-negozju li ġew ikkuntattjati sabiex iħallsu l-flus li kellhom jagħtu, u li wieġbu li dawn kienu ħallsu dak dovut minnhom lill-konvenuta b'mod dirett.

---

[10] Kopji ta' rċevuti għax-xiri ta' prodotti għall-arredament esebiti *a fol.* 73 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 92 *et seq.* tal-proċess.
[12] Kopji tal-*emails a fol.* 114 *et seq.* tal-proċess.

L-attriċi ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Carmen Mifsud**[13], li xehdet ukoll *viva voce* f'dawn il-proċeduri, u li kkonfermat li hi kienet daħlet taħdem mal-konvenuta fl-2012 bħala *administrator.* Ix-xhud qalet li hi saret taf lill-attriċi f'April tal-2014, u li l-konvenuta kienet qaltilha li l-attriċi kienet dieħla sħab magħha fin-negozju, tant li l-konvenuta tat għaxart elef Euro (€10,000) lix-xhud sabiex din tiddepożitahom fil-bank HSBC fi tliet kontijiet differenti li kienu jgħajtu lill-konvenuta, u f'kont ieħor fil-Banif Bank, ukoll f'isem il-konvenuta. Ix-xhud spjegat kif wara xi żmien, il-konvenuta kienet tatha flejjes oħra x'tiddepożita, liema flejjes kienet qaltilha li kienu ġejjin mingħand l-attriċi. Il-konvenuta kienet talbet lix-xhud iżżomm rendikont ta' dawn il-flejjes minħabba li n-negozju kien ser jibda jiġi ġestit miż-żewġ partijiet fil-kawża flimkien. Ix-xhud spjegat li l-konvenuta kienet tagħtiha ordnijiet biex tagħmel ħlasijiet lill-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fid-dar tal-attriċi, u li għal dan l-iskop kien jintuża c-*cheque book* tal-Banif Bank, għalkemm id-depożiti kienu jsiru kemm fl-HSBC kif ukoll fil-Banif Bank. Ix-xhud qalet li hi għamlet ħlasijiet fl-ammont ta' sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800) għax-xogħol fuq il-faċċata, kisi bil-ġibs u tibjid fuq barra u fuq ġewwa, sitt elef Euro (€6,000) lill-mastrudaxxa, u elfejn, mitejn u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2,229.27) għal reklamar, *stationery* u oġġetti simili. Ix-xhud qalet li l-attriċi ma kinitx tkun fil-post kuljum, u li meta d-dar tal-attriċi tlestiet mix-xogħlijiet li kien hemm bżonn isiru fiha, in-negozju kollu ġie ttrasferit f'din id-dar, minn fejn bdew jaħdmu għadd ta' persuni. Ix-xhud qalet li apparti servizzi tas-sbuħija, mill-ħanut il-kumpannija kienet tbiegħ ukoll il-prodotti tagħha lil diversi ħwienet. Ix-xhud qalet li hi kienet taf li l-konvenuta kienet tutilizza flejjes tal-kumpannija għall-ħlas ta' obbligi personali li kellha, u li l-konvenuta

[13] *A fol.* 139 tal-proċess.

kienet tgħid lix-xhud li fit-tnejn u għoxrin jum ta' kull xahar kienu ser jinqatgħu elf u ħames mitt Euro (€1,500) sabiex isir pagament ta' self bankarju li kellha l-konvenuta. Ix-xhud qalet li f'Awwissu tal-2014 l-attriċi kienet talbitha kopja tal-*ledger books* kollha tal-kumpannija, filwaqt li f'Settembru tal-2014 il-konvenuta kienet talbitha tipprepara *profit and loss sheet* sabiex din tingħata lill-attriċi. Qalet ukoll li f'dak iż-żmien hi kienet ħarġet *cheque* ta' elf Euro (€1,000) u flus kontanti ammontanti għal ħames mitt Euro (€500) sabiex jingħataw lill-attriċi għall-kera tad-dar tagħha. Ix-xhud kompliet tgħid li l-partijiet kellhom argument bejniethom f'Ottubru tal-2014, u li wara kienu talbuha tabbozza skrittura fejn il-konvenuta prattikament 'ammettiet li serqet flus min-negozju fl-ammont ta' 'l fuq minn €10,000'. L-attriċi min-naħa tagħha kienet talbet li fil-ftehim il-ġdid jiġi stipulat li hi kienet ser tkun '*active partner*', u biex jiġi assigurat li hi titħallas kemm il-kera dovuta lilha kif ukoll sehemha mill-profitti. Dakinhar l-attriċi talbet ukoll lill-konvenuta l-ħlas tal-kera li kellha b'lura, u din ħallsitha l-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000). Ix-xhud kompliet tispjega li l-attriċi naqqset ħafna mill-preżenza tagħha fin-negozju, u li kienet talbet lil bintha Monica Agius biex tibda tmexxi n-negozju flimkien ma' Justine Cassano li tiġi bint il-konvenuta. Kompliet tgħid li fil-11 ta' Novembru, 2014 il-konvenuta kienet marret fil-bini tal-kumpannija fis-Swieqi kmieni filgħodu biex tagħmel xi xogħol, u li wara ftit kienet daħlet fl-uffiċċju tax-xhud sabiex jibdew jaħdmu l-pagi flimkien. Ix-xhud qalet li bint l-attriċi u l-konvenuta kellhom nuqqas ta' ftehim fuq xi ħaġa, u li dakinhar il-konvenuta kienet qalet lil bint l-attriċi li kienet xebgħet f'dik is-sitwazzjoni u talbitha tkompli tmexxi n-negozju hi. Ix-xhud qalet li l-konvenuta telqet u ma rritornatx lura, u li ftit wara kienet bagħtet proposta lix-xhud u talbitha turiha lill-attriċi. Il-proposta kienet li l-attriċi ssir is-sid ewlieni tal-kumpannija filwaqt li l-konvenuta tibqa' taħdem

hemm fuq bażi ta' *commission,* u f'din il-proposta talbet ukoll is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000)[14] sabiex iċċedi sehemha mis-sħubija. L-attriċi ma aċċettatx din il-proposta. F'Novembru tal-2014 ix-xhud ġiet mgħarrfa li l-konvenuta kienet infurmat lis-*suppliers* tan-negozju li s-sħubija bejn il-partijiet kienet sfaxxat, u li d-ditta kienet ser tibda tiġi rappreżentata mill-attriċi. Ix-xhud kompliet tgħid li f'Diċembru tal-2014 rappreżentanti tal-kumpannija ntbagħtu jiġbru flejjes dovuti lill-kumpannija mingħand diversi individwi, iżda dawn ġew infurmati li d-debituri tal-kumpannija kienu ħallsu lill-konvenuta direttament. Ix-xhud esebiet kopji ta' ordnijiet li kienu saru mingħand is-*suppliers* għall-perijodu bejn Jannar u Marzu 2014[15] u għall-perijodu bejn Mejju u Ottubru 2014.[16]

L-attriċi esebiet ukoll l-*affidavit* ta' wliedha **Monica Agius**[17] u **Melanie Agius**.[18] **Monica Agius** xehdet li hi kienet ilha taf lill-konvenuta sa minn meta kellha sittax-il sena, minħabba li kienet ħadet taħriġ mingħandha bħala *nail technician,* u kien hemm żmien meta ħadmet mal-konvenuta wkoll. Qalet li hi kienet taf li ommha u l-konvenuta kienu daħlu fi sħubija u bdew jagħmlu n-negozju flimkien. Ix-xhud qalet li hi involviet ruħha direttament fin-negozju f'Ġunju tal-2014, meta l-konvenuta offritilha li tibda taħdem magħha bħala *nail technician.* Qalet li dak iż-żmien ommha kienet diġà daħlet sħab fin-negozju tal-konvenuta, u li hi kienet taf li ommha ħarġet flejjes sostanzjali sabiex tadatta dar li kellha fis-Swieqi għan-negozju. Ix-xhud qalet li n-negozju kien sejjer tajjeb ħafna, tant li kellhom ħafna *bookings,* u anki l-bejgħ tal-prodotti kien sejjer tajjeb ħafna tant li ġieli nbiegħu b'għaxart elef Euro

[14] *A fol.* 143 tal-proċess.
[15] *A fol.* 144 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 178 *et seq.* tal-proċess.
[17] *A fol.* 219 tal-proċess.
[18] *A fol.* 223 tal-proċess.

(€10,000) jew b'erbatax-il elf Euro (€14,000) prodotti fix-xahar. Ix-xhud qalet li f'Awwissu tal-2014, ommha l-attriċi kienet ġibditilha l-attenzjoni li l-konvenuta ma kinitx qiegħda tkun onesta fir-rigward tal-profitti ġġenerati mill-kumpannija, u li filwaqt li l-attriċi kienet qiegħda tosserva li n-negozju kien sejjer tajjeb ħafna, il-konvenuta kienet tgħidilha li kienu qegħdin jagħmlu telf. Meta l-konvenuta ġiet ikkonfrontata, din wieġbet li mhux minnu li hi ma kinitx qiegħda tkun onestà, iżda ammettiet li ma kellhiex biżżejjed ħin biex iżżomm il-kontijiet fl-ordni. Ix-xhud qalet li l-konvenuta wegħdithom li kienet ser tibda żżomm *records* ta' kollox u tagħtihom aġġornament tad-dħul u l-infiq kull ġimgħa. Hi kompliet tgħid li minkejja dan, wara xi żmien ommha kienet indunat li l-konvenuta kienet qiegħda taħbi, u apparti minn hekk il-konvenuta kienet ukoll moruża fil-ħlas tal-kera. Ix-xhud qalet ukoll li l-attriċi tant tilfet il-fiduċja tagħha fil-konvenuta, li kienet poġġiet numru ta' *security cameras* u *voice recorder* fil-bini tan-negozju sabiex tkun taf aħjar x'kien għaddej. Qalet ukoll li f'episodju minnhom il-konvenuta kienet ammettiet li kienet approprjat għaliha għaxart elef Euro (€10,000) fi flus, u li dawn kienet ser troddhom lura. Qalet li ommha kienet insistiet li dan kollu jitniżżel fi skrittura privata bejn il-partijiet, u li xhieda ta' dan kien hemm għadd ta' persuni, fosthom ulied il-partijiet.

Ix-xhud kompliet tispjega li jum fost l-oħrajn, il-konvenuta kienet ħadet basket kbir mimli prodotti mill-ħanut, u li meta għamlet hekk l-attriċi kienet ħasset li l-konvenuta ma kienx fi ħsiebha ddum wisq aktar fin-negozju. Meta l-attriċi kkonfrontat lill-konvenuta, din weġbitha li kienet xebgħet bis-sitwazzjoni, u li ma setgħetx tibqa' taħdem mal-attriċi. Kien għalhekk li l-attriċi ssuġġeriet li tidħol bintha, ix-xhud Monica Agius, minflokha sabiex tkompli tiġġestixxi n-negozju mal-konvenuta hi. Ix-xhud kompliet tgħid li hi wkoll kellha xi diżgwid

mal-konvenuta, u dan minħabba li x-xhud talbet li l-kontijiet bankarji u s-sistema tal-ħlasijiet elettroniċi tkun waħda konġunta bejniethom it-tnejn, iżda l-konvenuta ma qablitx, u qabdet u telqet mill-bini tal-kumpannija. Ix-xhud kompliet tgħid li ftit ġranet wara, hi u ommha kienu avviċinaw lil bint il-konvenuta u staqsewha jekk kienx fi ħsiebha tibqa' taħdem magħhom, jew xtaqitx tmur taħdem ma' ommha, u din min-naħa tagħha wieġbet li kienet ser tmur taħdem ma' ommha. Ix-xhud qalet li hi u l-attriċi talbuha titlaq minn dak il-ħin stess. Ix-xhud ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li waqt laqgħa li kellha mal-konvenuta f'Jannar tal-2015, hi kienet staqsietha x'kienet ir-raġuni li għaliha kienet qiegħda tħallas għall-affarijiet tagħha personali mill-flus tan-negozju, u din kienet weġbitha li tant kienet ilha taħdem waħedha, li lanqas biss intebħet li mhux suppost li kienet qiegħda tagħmel hekk.

Ix-xhud **Melanie Agius** min-naħa tagħha qalet li hi wkoll bdiet taħdem fin-negozju inkwistjoni bħala *hairdresser,* u li għal dan ix-xogħol il-konvenuta offritilha paga fix-xahar. Ix-xhud iddeskriviet kwistjonijiet li nqalgħu meta ħaddiema tal-kumpannija li kienet taħdem bħala *sales representative* instab li kellha xogħol fil-karozza li kien *unaccounted for*, u li meta ommha, l-attriċi, ddeċidiet li tkeċċi lil din l-impjegata minħabba li kienet ilha taħseb li din ma kinitx qiegħda tagħti ċifri realistiċi dwar il-bejgħ li kienet qiegħda tagħmel, il-konvenuta kienet qaltilha biex tagħtiha ċans ieħor. Ix-xhud kompliet tgħid kif wara ftit taż-żmien, ommha reġgħet bdiet tissuspetta fil-konvenuta minħabba li din ma bdietx tagħti rendikont tad-dħul u l-infiq tan-negozju, u waqt argument li l-partijiet kellhom bejniethom, il-konvenuta kienet ammettiet li kienet "serqet" aktar minn għaxart elef Euro (€10,000) min-negozju. Dan kollu tniżżel fi skrittura li ġiet iffirmata mill-partijiet, b'għadd ta' impjegati bħala xhieda. Din ix-xhud ukoll ikkonfermat li ommha, l-attriċi, kienet avviċinat lil

Justine Cassano, bint il-konvenuta, impjegata ukoll fin-negozju li kellhom bejniethom il-partijiet, u staqsietha jekk xtaqitx tibqa' taħdem magħha. Din wieġbet li kienet sejra taħdem ma' ommha. Ix-xhud qalet li ommha kienet qalet lil Cassano li setgħet taqbad u titlaq minn dak il-ħin stess. Qalet ukoll li madwar ġimgħa wara dan kollu, kienu nġabu tekniċi biex ineħħu n-numru tal-VAT tal-konvenuta u jinstallaw id-dettalji tal-attriċi, sabiex din setgħet tkompli tiġġestixxi n-negozju f'isimha.

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2015, xehdet **Joan Said**, mill-HSBC Bank Malta plc[19], li ppreżentat *statements* tal-kontijiet bankarji ta' Beauty Incorporate Limited, konsistenti f'kont kurrenti u kont tal-Visa.[20]

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Peter Paul Sacco**, in rappreżentanza tal-Banif Bank Malta plc[21], li qal li l-kumpannija inkwistjoni kellha kont kurrenti mal-Banif Bank[22], kif ukoll kont ta' self u kont abbinat ma' *credit card*, u fil-fatt esebixxa kopji tal-*istatements* relattivi. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tas-*sanction letter* abbinata mal-kont ta' self bankarju.[23] Ix-xhud qal li s-*sanction letter* inkwistjoni nħarġet fid-19 ta' Novembru, 2010, u li din kienet għall-għoti ta' self għal negozju fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf Euro (€55,000) u *overdraft* għan-negozju ta' tletin elf Euro (€30,000). Il-garanziji għal dan is-self ingħataw mill-konvenuta u minn bintha Justine Cassano.

Fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016, xehdet **Holly Sant**[24] li qalet li kienet impjegata mill-konvenuta bħala *sales representative* ta' prodotti tas-sbuħija ta' ditti

[19] *A fol.* 228 tal-proċess.
[20] *A fol.* 230 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 253 tal-proċess.
[22] *A fol.* 258 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 333 tal-proċess.
[24] *A fol.* 351 *et seq.* tal-proċess.

speċifiċi. Ix-xhud qalet li n-negozju kien jitmexxa minn *salon* fis-Swieqi, u qabel dan kien jitmexxa mid-dar tal-konvenuta, u li hi kienet iddur ma' Malta kollha biex tbiegħ il-prodotti. Qalet li l-konvenuta kienet tkun preżenti fil-bini tan-negozju kuljum, għalkemm l-attriċi kienet tistaqsiha dwar l-andament tan-negozju fuq bażi regolari wkoll, u speċifikament dwar il-volum tal-bejgħ li kienet qiegħda tagħmel. Ix-xhud qalet li hi kienet intalbet mill-konvenuta ma tibqax tagħti din it-tip ta' informazzjoni lill-attriċi għall-ħabta ta' Settembru tas-sena 2014, għalkemm ma setgħetx tiftakar jekk il-konvenuta kinitx tat raġuni għalfejn ma xtaqitx lix-xhud tibqa' tagħti din l-informazzjoni lill-attriċi. Ix-xhud iddeskriviet dak li ġara fin-negozju b'dan il-mod:

> *"To sum it all up, there was an outburst and I think this had been a gradual build-up. I can't tell you because I don't know everything when Sue left."*

Ix-xhud qalet li wara t-tluq tal-konvenuta mill-kumpannija, hi kienet baqgħet għaddejja bil-bejgħ tal-prodotti. Qalet li l-flus li kienet iddaħħal mill-bejgħ tal-prodotti kienet tgħaddihom lil Carmen Mifsud, għalkemm wara t-tluq tal-konvenuta mill-kumpannija kien hemm żmien li l-flus kienet tgħaddihom lill-attriċi wkoll. Ix-xhud qalet li wara Settembru tal-2014 hi wkoll telqet mill-kumpannija, u marret taħdem mal-konvenuta bħala *nail technician* u bħala *sales representative.* Qalet iżda li hi qatt ma ġabret flus dovuta lill-kumpannija tal-attriċi wara li hi telqet taħdem minn magħha, u li qabel telqet hi kienet tat kollox lil Carmen Mifsud. Fi kliem ix-xhud,

> *"I did a handover, I handed everything over so I had no copies of invoices and products. I left everything at the salon."*

L-attriċi esebiet ukoll l-*affidavit* ta' **Sharon Bugeja**[25], li kienet ġiet impjegata mill-konvenuta bħala assistenta personali tagħha f'Lulju tal-2014. Ix-xhud qalet li xogħolha kien li toqgħod fir-*reception* tilqa' l-klijenti, u li darba minnhom l-attriċi bdiet tilmenta mal-konvenuta dwar fejn kienu qegħdin imorru l-flus tal-kumpannija. Qalet li ftit wara l-istaff kollu tal-kumpannija ġie mgħajjat fl-uffiċċju, u l-konvenuta ġiet mitluba tiffirma skrittura li kienet tgħid li hi ħadet xi flus tal-kumpannija, għalkemm ix-xhud qalet li ma tiftakarx l-ammont kemm kien. Ix-xhud kompliet tgħid li ftit wara saret taf li l-konvenuta kienet irriżenjat mill-kumpannija.

Fl-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2016 sar il-kontroeżami ta' **Carmen Mifsud**[26], li qalet li hi kienet ilha li spiċċat mill-impjieg li kellha mal-attriċi madwar erba' xhur u nofs. Ix-xhud qalet li hi tiftakar żewġ episodji partikolari li fihom il-partijiet telgħu fl-uffiċċju tagħha u rathom jibku, u kienu talbuha tabbozza skrittura. Qalet ukoll li ħadd ma beda jhedded lil ħadd u ħadd ma kien vjolenti dakinhar. Dwar l-inċident ta' Ottubru tal-2014 ix-xhud qalet li dakinhar il-konvenuta kienet telgħet fl-uffiċċju tagħha u talbitha tipprepara skrittura, li bdiet tiddetta l-konvenuta stess, u li dan sar fil-preżenza tal-attriċi, ta' Justine Cassano u ta' Sharon Bugeja, fost l-oħrajn. Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenuta kienet qaltilha tikteb fl-iskrittura, li hi, il-konvenuta, kienet serqet għaxart elef Euro (€10,000), u li hi, ix-xhud għamlet kif mitlub. Ix-xhud qalet li hi qatt ma kienet qalet li xi ħadd seraq, u li hi dejjem għamlet dak mitlub minnha. Hi kompliet tgħid li meta hi kienet impjegata mal-konvenuta, kien hemm self bankarju ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar li hi kienet taf li ried jitħallas, tant li kull xahar kienet taċċerta ruħha li hemm biżżejjed flus fil-

[25] *A fol.* 360 tal-proċess.
[26] *A fol.* 367 tal-proċess.

kontijiet bankarji għal dan il-ħlas, u li kien hemm kontijiet mal-kumpannija Melita li wkoll riedu jitħallsu. Ix-xhud ikkonfermat li hi baqgħet taħdem bl-istess mod kif kienet taħdem meta kienet impjegata mal-konvenuta, qabel ma l-partijiet qablu li jiffurmaw is-sħubija ta' bejniethom. Ix-xhud qalet li l-uniċi ċekkijiet li hi kienet tiffirma kienu dawk tas-self bankarju u l-ħlasijiet tal-Melita u tal-Go plc, u li dawn iċ-ċekkijiet kienu jsiru mill-kont tal-Banif Bank. Ix-xhud qalet li hi kienet ġiet mgħarrfa mill-konvenuta li bejn il-partijiet kienet ġiet iffurmata sħubija. Hija kompliet tgħid li hija kienet tagħmel depożiti bankarji tal-flus li kienu jiġu mgħoddija lilha, u li l-informazzjoni kollha relatata ma' tranżazzjonijiet ta' flejjes hi kienet tirreġistraha fil-*ledger-book.* Ix-xhud qalet ukoll li kienet hi li kienet iddaħħal fis-sistema tal-kompjuter *record* tal-bejgħ li jkun sar, u li hi kienet iġġib din l-informazzjoni mingħand Holly Sant. Ix-xhud qalet li hi kienet tqis li l-kont tal-Banif Bank kien kont konġunt tal-partijiet, u li l-ħlasijiet kienu jsiru minn dak il-kont. Ix-xhud ikkonfermat li l-ħlas biex saru l-miljoramenti fid-dar tal-attriċi sar mill-kont tal-Banif Bank, għalkemm f'okkażjoni waħda l-attriċi, Ann Downer, kienet tatha kważi tlett elef Euro (€3,000) flus kontanti sabiex tħallas lil *supplier* partikolari. Ix-xhud ikkonfermat li l-ħlasijiet kienu jsiru kollha kemm huma mill-kont bankarju tal-Banif Bank. Għal kull oġġett li nxtara hemm *cheque* relattiv maħruġ mill-kont tal-Banif Bank. Ix-xhud kompliet tgħid li fid-dar tal-attriċi saru diversi xogħlijiet fosthom xogħol ta' kisi bil-ġibs, żebgħa, xogħol ta' mastrudaxxa, xiri ta' *stationery*, reklamar u oġġetti simili. Ix-xhud qalet li kien hemm xi għamara li nġabet fil-bini tan-negozju mill-attriċi, u kien hemm affarijiet li nxtraw mill-attriċi u li ma kienx sar ħlas għalihom mill-kont tal-Banif Bank. Ix-xhud qalet iżda li fil-kotba tal-kumpannija hemm kopji tal-irċevuti tal-affarijiet li nxtraw mill-attriċi mill-Ingilterra, u li dawn ma kienx sar ħlas tagħhom mill-kont tal-Banif Bank.

Ix-xhud qalet li r-relazzjonijiet bejnha u l-konvenuta kienu tajbin, u li hi indunat li r-rapport bejn il-partijiet iddeterjora meta darba fost l-oħrajn hi daħlet fl-uffiċċju u sabet l-armarju tagħha sgassat. Dak il-ħin hi ġibdet l-attenzjoni tal-konvenuta li kellha xi affarijiet mhux f'posthom, u l-konvenuta kienet iddejqet li kien ġara dan. Qalet ukoll li sussegwentement ġew installati s-CCTVs fuq talba tal-attriċi, li talbet lix-xhud tagħmlilha wkoll kopja tal-*ledger books.* Ix-xhud qalet li minkejja li hi kienet taf li xi ħadd kien mess il-*ledger book* meta sabet l-armarju tagħha sgassat, madanakollu hi setgħet tikkonferma li dan baqa' intatt u li l-ebda paġna minnu ma tqattgħet. Ix-xhud qalet ukoll li hi qatt ma kienet preżenti għal sitwazzjoni fejn xi ħadd mill-partijiet kien vjolenti jew ħebb fiżikament għal xi ħadd, għalkemm mill-bieb magħluq hi setgħet tisma' lill-partijiet jgħajtu ma' xulxin. Ix-xhud qalet li meta ġara dan, hi kienet fehmet li l-inkwiet bejn il-partijiet kien dwar x'inhu jiġri mill-flus tal-kumpannija. Ix-xhud ikkonfermat li hi ma semgħetx kliem ta' theddid bejn il-partijiet.

Il-kontroeżami tax-xhud **Carmen Mifsud** kompla fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2016, fejn din intalbet tispjega lill-Qorti x'kienet ir-raġuni għaliex minkejja li fil-11 ta' Novembru, 2014, il-ġurnata li fiha l-konvenuta telqet mill-kumpannija, hi kienet talbet il-ħruġ ta' numru tal-VAT ġdid għall-kumpannija li kienet ser tibqa' tiġġestixxi l-attriċi waħedha, min-naħa l-oħra fattura maħruġa xi ġimgħat qabel turi n-numru tal-VAT ġdid mogħti wara t-tluq tal-konvenuta. Ix-xhud spjegat illi kull *print-out* li saret wara l-11 ta' Novembru, 2014, anki għal fatturi li nħarġu qabel, bdew juru n-numru tal-VAT il-ġdid tal-kumpannija.[27] Ix-

[27] Ix-xhud kienet intalbet tagħmel verifika ta' dan l-ewwel darba li dehret quddiem il-Qorti biex isirilha l-kontro-eżami, u fil-fatt spjegat li għamlet verifiki indipendenti dwar dan, "[y]es għax int għidtli kif ħareġ VAT number ieħor. Jien ikkontattjajt lill-kumpannija Sage u staqsejthom li staqsejtni inti u qaluli la darba konna biddilna l-VAT number, kull invoice li toħroġ anke printout of the past toħroġ bil-VAT number ġdid."

xhud qalet li r-responsabbilità tax-xogħol fil-kumpannija kibritilha wara li telqet il-konvenuta. Qalet li hi ma kinitx taf x'kien fih l-ewwel ftehim ta' sħubija li kellhom bejniethom il-partijiet, għalkemm kienet taf li l-ftehim il-ġdid kien sar minħabba li l-partijiet laħqu ftehim bejniethom li l-attriċi kienet ser tkun aktar attiva fin-negozju. Ix-xhud qalet li hi tiftakar li l-konvenuta kienet tatha l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) li kienu tal-attriċi meta kienet bdiet is-sħubija bejn il-partijiet, iżda qalet li hi qatt ma kienet rat is-sittin elf Euro (€60,000) li l-attriċi kienet qalet li ħarġet għan-negozju. Madanakollu x-xhud qalet li kien hemm għadd ta' ċekkijiet maħruġa mill-attriċi, kif ukoll għoxrin elf Euro (€20,000) flus kontanti mgħoddija lilha mill-konvenuta, li hi kienet assumiet li kienu tal-attriċi. Ix-xhud qalet li hi kellha struzzjonijiet mingħand il-konvenuta biex tiddepożita dawn l-ammonti f'kontijiet bankarji separati. Ix-xhud qalet li hi kienet tirreġistra f'sistema tal-kompjuter id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-prodotti, u li dawn il-flus hi qatt ma rreġistrathom b'dan il-mod, għalkemm hi rreġistrat dan id-dħul fil-*ledger-book.* Fir-rigward tal-inkwiet bejn il-partijiet, ix-xhud ikkonfermat li kien hemm diżgwid bejniethom, għalkemm qalet li meta kien jinqala' konflitt fil-preżenza tagħha, hi kienet toħroġ 'il barra mill-uffiċċju għaliex ma kinitx tħossha komda. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li s-self bankarju li kien hemm, kien ilu jitħallas minn qabel ġiet iffurmata s-sħubija bejn il-partijiet, u li dan baqa' jitħallas bl-istess mod sakemm telqet il-konvenuta mill-kumpannija. Ix-xhud qalet ukoll li kienet iżżomm *records* separati bil-flus li kienu jidħlu mingħand l-istudenti tal-kumpannija, u li wara li tirreġistra l-ammont ta' flus imdaħħla, hi kienet tgħaddihom lill-konvenuta.

Il-kontroeżami tax-xhud **Carmen Mifsud** kompla fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2016[28], u f'din l-udjenza x-xhud esebiet kopja tal-ftehim oriġinali[29] u tal-ftehim il-ġdid[30] li kellu jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet, flimkien mal-abbozz tal-ftehim il-ġdid.[31] Ix-xhud esebiet ukoll kopja ta' messaġġ telefoniku li fih il-konvenuta kienet qaltilha, *"I can't work in fear"*.[32] Esebiet ukoll kopja ta' dokumenti mgħoddi lilha mill-konvenuta, b'istruzzjonijiet dwar il-mod kif kellhom jiġu ddepożitati l-għoxrin elf Euro (€20,000) li l-konvenuta ħadet mingħand l-attriċi, kif ukoll kopja ta' skrittura bi struzzjonijiet dwar fejn kellhom jiġu ddepożitati l-ewwel għaxart elef Euro (€10,000) li nġabru mingħand l-attriċi.[33] Ix-xhud qalet li fix-xahar ta' Novembru 2014 hi kienet għamlet ħlas ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) fil-kont tas-self bankarju, xi ħaġa li kienet ilha tagħmel sa mis-sena 2013 meta kienet impjegata mal-konvenuta waħedha, iżda x-xhud ma kellhiex dettalji dwar dan is-self, jew min kien li kkontrattah. Ix-xhud qalet ukoll li f'punt minnhom l-attriċi ingaġġat awditur sabiex jeżamina l-kotba tal-kumpannija, u wara li dan mar xi erba' darbiet fl-uffiċċji tal-kumpannija, dan kien wasal għall-konklużjoni li l-kumpannija kienet qiegħda tirreġistra qligħ.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016 sar il-kontroeżami tal-attriċi **Ann Downer**[34], li qalet li l-pretensjoni tagħha hi li l-konvenuta mmisapproprjat is-somma ta' tmenin elf Euro (€80,000). L-attriċi qalet li kien hemm tletin elf Euro (€30,000) li tħallsu fi flus kontanti, filwaqt li erbgħin elf Euro (€40,000) tħallsu lill-konvenuta f'ċekkijiet. Qalet ukoll li l-għaxart elef Euro (€10,000) l-

[28] *A fol.* 403 tal-proċess.
[29] *A fol.* 414 tal-proċess.
[30] *A fol.* 416 tal-proċess.
[31] *A fol.* 418 tal-proċess.
[32] *A fol.* 421 tal-proċess.
[33] *A fol.* 422 u 423 tal-proċess.
[34] *A fol.* 425 tal-proċess.

oħra kienu l-bilanċ ta' kontijiet pendenti li ħalliet warajha l-konvenuta u li kellha tagħmel tajjeb għalihom hi. L-attriċi qalet li meta hi allegat li l-konvenuta kienet immisapproprjat il-flus, hi riedet tfisser li hi kienet tat ammont ta' flus lill-konvenuta għas-sħubija li l-partijiet kellu jkollhom bejniethom. Qalet li l-partijiet kellu jkollhom sehem ta' 50%-50% f'din is-sħubija, iżda li kull darba li hi kienet titlob *record* tal-imgħaxijiet, profitti u telf tal-kumpannija, din l-informazzjoni qatt ma kienet tingħatalha. Qalet li hi waslet għall-konklużjoni li l-konvenuta kienet immisapproprjat il-flus meta darba minnhom marret fl-uffiċċju tal-kumpannija u ċċekkjat il-kotba. Hemmhekk kienet indunat li l-konvenuta wettqet il-ħlas ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal self bankarju li skont l-attriċi din ma kellha x'taqsam xejn miegħu. L-attriċi qalet li l-ħlas ta' dan is-self baqa' jsir kull xahar fuq perijodu ta' ħames xhur, u li meta indagat aktar sabet li l-konvenuta kienet għamlet ħlasijiet oħra ta' kontijiet għal servizzi li hi kellha fid-dar u li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kumpannija. L-attriċi qalet li kien hemm ħlasijiet oħra li saru mill-konvenuta u li qatt ma ġew awtorizzati minnha, bħall-ħlas li kien isir lil ċerta Sharon Bugeja, li kienet impjegata mal-konvenuta sabiex toħdilha ħsieb affarijiet personali tagħha. L-attriċi ġiet murija l-*ispreadsheet* esebita *a fol.* 72 tal-proċess, b'dettalji ta' flus li ħarġu mill-kumpannija, u dan sabiex tispjega ċar il-bażi tal-allegazzjoni tagħha li l-konvenuta mmisapproprjat l-ammont ta' tmenin elf Euro (€80,000). L-attriċi rreferiet għall-ammont ta' tnax-il elf, mitejn u sebgħin Euro (€12,270) imħallsa bħala salarji lill-konvenuta fuq perijodu ta' żmien, u qalet li hi ma kinitx infurmata li l-konvenuta kienet ser tieħu salarju mill-kumpannija. L-attriċi ġiet murija ċifri oħra f'dan id-dokument bħas-salarju mħallas lill-impjegata Holly Sant u s-salarju mħallas lil impjegata oħra Carmen Mifsud, u l-attriċi baqgħet tgħid li dawn is-salarji ma tħallsux bil-

kunsens tagħha. F'dan il-punt l-attriċi ġiet mistoqsija jekk hi temminx li dawn l-impjegati mmisapproprjaw is-salarji tagħhom, u hi wieġbet li ma kienx il-każ. L-attriċi ġiet mistoqsija wkoll dwar l-ispiża tal-konsum tal-*istationery*, u bżonnijiet oħra tal-uffiċċju, u din qalet li hi qatt ma kellha rendikont tal-infiq u d-dħul tal-kumpannija minn xahar għal xahar. L-attriċi ġiet mistoqsija jekk skont hi dak kollu li ġara kienx każ ta' misapproprjazzjoni jew każ ta' spejjeż li kienu *unaccounted for* u dan minħabba li għal perijodu ta' żmien hi ma kinitx involuta fit-tmexxija tan-negozju fuq bażi kwotidjana. L-attriċi wieġbet li l-konvenuta qatt ma ddiskutiet il-ħlasijiet magħha, u li hi qatt ma kienet tiġi murija l-karti tan-negozju. Lill-attriċi sarilha riferiment għas-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) bl-intestatura 'Justine salary' u ġiet mistoqsija jekk dan kienx ammont immisapproprjat jew le. Ix-xhud qalet li s-salarji mħallsa lill-impjegati tal-kumpannija ma kinux jaqgħu taħt l-allegazzjoni tagħha ta' misapproprjazzjoni fl-ammont ta' sebgħin elf Euro (€70,000). L-attriċi allegat li l-flejjes li l-konvenuta ħallset lilha nnifisha u s-salarju mogħti lil Sharon Bugeja kienu fl-ammont skont hi ta' flus immisapproprjati. Qalet ukoll li fil-fatt hi kienet utilizzat xi flus tal-kumpannija sabiex xtrat xi għamara u *soft furnishings* mill-Ingilterra fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u disgħa u ħamsin Euro (€4,859). Ix-xhud irrikonoxxiet il-fatt ukoll li kien hemm ammont ta' flus li ntefqu direttament fil-proprjetà tagħha, iżda qalet li hi qatt ma ħallset lill-ħaddiema direttament. L-attriċi kompliet tgħid li hi trid il-flus tagħha lura, u dan minħabba li hemm ammont ta' flus *unaccounted for.* Qalet ukoll li l-flus li ntefqu fil-proprjetà tagħha ntefqu mingħajr ma hi kellha l-ħtieġa li tonfoqhom. L-attriċi wegħdet li tħejji prospett ta' flus li hi allegat li ġew immisapproprjati mill-konvenuta, u dan minħabba li mis-sebgħin elf Euro (€70,000) imħallsa mill-attriċi lill-konvenuta ma kien baqa' xejn sal-ġurnata li fiha s-sħubija bejn il-

partijiet ġiet fi tmiemha. Il-prospett mitlub ġie esebit mill-attriċi permezz ta' nota ppreżentata fis-6 ta' Jannar, 2017[35], fejn din qalet li hi kienet taf li ntefaq l-ammont ta' €21,874.87 f'xogħlijiet li saru fid-dar tagħha, konsistenti f'€6,800 f'xogħol li sar fuq il-faċċata, tikħil u tibjid, €6,000 lill-mastrudaxxa, €6,845.60 għamara u arredamenti mixtrija mill-attriċi direttament u €2,229.27 minfuqa fuq reklamar u bżonnijiet tal-uffiċċju. L-attriċi qalet ukoll li l-konvenuta kienet ammettiet li kienet immisapproprjat aktar minn għaxart elef Euro (€10,000) min-negozju għall-użu tagħha personali, u li madwar elfejn Euro (€2,000) oħra fix-xahar intefqu fuq kontijiet personali tal-konvenuta. L-attriċi rreferiet ukoll għall-ammont ta' elf u tliet mitt Euro u tnax-il ċenteżmu (€1,300.12) minfuq f'diversi stabbilimenti, fosthom *i-tunes,* Regina Shoes, Lilly Mae Sliema u Greens Supermarket, l-ammont ta' tlett elef, u erbgħa u erbgħin Euro u ħames ċenteżmi (€3,044.05) minfuqa mill-kont tal-HSBC sabiex saru ħlasijiet lil Go plc, ħlas ta' self bankarju, ħlas lil Eco Pure, ħlas lil soċjetà tal-assikurazzjoni. Ġie ppreżentat ukoll *statement* tal-Banif Bank b'pagamenti magħmula mill-kont tan-negozju bħala ħlasijiet ta' self tal-konvenuta, ammontanti għal tliet elef, mija u sitta u disgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,196.88) u *statement* ieħor ta' Banif Bank (il-kont tal-Visa Card) li juri li saru ħlasijiet mill-flus tan-negozju fl-ammont ta' €701.40. Fil-prospett tagħha l-attriċi qalet li l-konvenuta kienet nefqet madwar tmienja u tletin elf Euro (€38,000) fi *stock* bejn ix-xhur ta' April u Ottubru 2014, u li wara t-tluq tal-konvenuta mill-kumpannija, ma kienx baqa' ħafna *stock*, u kien għalhekk li hi allegat li l-konvenuta kienet ħadet ħafna mill-i*stock* magħha. L-attriċi allegat li kien hemm ħlasijiet li kienu jsiru mill-klijenti permezz tas-sistema ta' ħlasijiet elettroniċi, liema ħlasijiet qatt ma waslu għand l-attriċi, u li kien hemm

[35] *A fol.* 434 tal-proċess.

tranżazzjonijiet li saru favur il-konvenuta, liema tranżazzjonijiet jammontaw għal tmint elef u disgħin Euro (€8,090). L-attriċi qalet li dan kollu jammonta għal mija u tnax-il elf, erba' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€112,457.58).

Il-kontroeżami tal-attriċi kompla fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017[36], u din spjegat li l-prospett esebit minnha kien ġie ppreparat abbażi ta' dokumenti u fatti li hi kellha fl-uffiċċju tagħha. L-attriċi ntalbet tispjega fuq liema bażi hi waslet għaċ-ċifra ta' €112,457.58, meta l-kawżali tat-talba tagħha hi msejsa fuq l-ammont ta' tmenin elf Euro (€80,000), u meta anki l-mandat ta' sekwestru li sar fuq il-kontijiet tal-konvenuta kien għall-istess ammont. Ix-xhud qalet li ċ-ċifra telgħet għall-ammont ta' €112,457.58 minħabba li meta kienet qiegħda tħejji l-prospett fl-uffiċċju tagħha, hi sabet dokumenti li qabel ma kinux fil-pussess tagħha. Ix-xhud qalet li skont hi, il-proċess taż-żamma tal-kotba fl-uffiċċji tal-kumpannija ma kienx isir b'mod korrett. L-attriċi qalet li hi kienet ingaġġat komputista li rreferiet għalih bħala 'Clifton' u qalet li kien hu li qalilha li l-kotba tal-kumpannija ma kinux qegħdin jinżammu sew u li kien hemm flus neqsin. L-attriċi kompliet tgħid li hi waslet għall-ċifra ta' tmenin elf Euro (€80,000) minħabba li hi kienet taf li fil-kumpannija kien hemm volum qawwi ta' xogħol, iżda darba minnhom hi ltaqgħet ma' bintha stess u ma' Sharon Bugeja f'post fejn kienu qegħdin jixtru xi prodotti għall-ħanut u meta staqsiethom x'kienet ir-raġuni għaliex ma intużawx prodotti tal-kumpannija, dawn weġbuha li fil-kumpannija ma kienx hemm biżżejjed flus biex jinxtraw prodotti. Qalet ukoll li darba minnhom hi kienet daħlet fl-uffiċċji tal-kumpannija billejl, u hemmhekk indunat li d-dokumentazzjoni u l-proċess taż-żamma tal-kotba ma kinux qegħdin jinżammu sew. L-attriċi qalet li minkejja li

[36] *A fol.* 442 tal-proċess.

kull xahar kienu qegħdin jiġu ġġenerati bejn tnax-il elf u ħmistax-il elf Euro (€12,000 - €15,000) f'bejgħ ta' servizzi, xorta waħda kien qiegħed jiġi rreġistrat telf, u kien għalhekk li assumiet li kien hemm xi ħaġa ħażina. L-attriċi ġiet murija l-prospett esebit minnha stess[37], fejn ġie dokumentat li ntefqu l-ammont ta' aktar minn wieħed u għoxrin elf Euro (€21,000) sabiex saru l-miljoramenti meħtieġa fid-dar tagħha u dan sabiex din il-proprjetà setgħet tintuża għan-negozju tal-partijiet. Sar riferiment wkoll għal safra li l-partijiet għamlu flimkien f'Bologna, iżda l-attriċi qalet li hi kienet ħallset għal din is-safra minn butha. Sar riferiment għall-ħlas ta' elf u disa' mija u ħmistax-il Euro (€1,915) lil ċertu Pitré għax-xiri ta' madum, aktar minn sitt mitt Euro għal sett tal-kamra tal-banju (€658) u sitt mitt Euro (€600) għax-xiri ta' provvisti mingħand Plantastic, u x-xhud ġiet mistoqsija jekk fid-dawl ta' dawn id-dokumenti u kopji ta' ċekkijiet, kinitx qiegħda ssostni li l-konvenuta mmisapproprjat il-flus għaliha. L-attriċi wieġbet li ma kinitx hi li ħadet dawk il-flejjes, *"I didn't pay them so you have to ask her."*

Mistoqsija jekk kinitx taf li nxtara wkoll tagħmir tal-arja kundizzjonata sabiex jintuża fil-ħanut, l-attriċi wieġbet li hi kienet qiegħda tivvjaġġa ħafna fiż-żmien meta bejn il-partijiet kien hemm din is-sħubija, u li hi qatt ma kienet ħallset xejn għax-xiri ta' dawn l-oġġetti. Lill-attriċi sarilha riferiment għal oġġetti oħra li nxtraw permezz ta' ċekkijiet, u li kienu kollha meħtieġa sabiex seta' jingħata bidu għan-negozju inkwistjoni. L-attriċi qalet ukoll li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim li jgħid li l-konvenuta kellha tieħu salarju min-negozju, u li hi tikkonsidra l-fatt li din kienet tieħu salarju ta' kull xahar bħala 'misapproprjazzjoni'. L-attriċi qalet ukoll li l-konvenuta kellha ħafna xogħol u

[37] Li jinsab *a fol.* 433 tal-proċess.

kienet qiegħda tiġġenera ħafna dħul għan-negozju. L-attriċi madanakollu qalet li l-arranġament li kien hemm mal-impjegati l-oħra kien li kull wieħed mill-impjegati kellu jżomm tmenin fil-mija (80%) tad-dħul iġġenerat minnu u jħallas għoxrin fil-mija (20%) lill-kumpannija. Qalet iżda li dan l-arranġament ma kienx jgħodd ukoll għall-konvenuta. Ix-xhud qalet li l-konvenuta kienet tieħu dak kollu li taqla' mingħand il-klijenti għaliha, u li minkejja li kien hemm sistema ċentralizzata ta' ħlasijiet, li permezz tagħha l-klijenti kienu jagħmlu l-ħlas għas-servizz li jieħdu lil Sharon Bugeja, din Bugeja kienet taħdem biss sas-siegħa ta' waranofsinhar, u li wara dak il-ħin il-ħlasijiet kienu jsiru kollha lill-konvenuta. Ix-xhud qalet li l-konvenuta kienet tagħmel xogħol ta' tatwaġġi u dwiefer tal-klijenti, u li l-flus iġġenerati mill-għoti ta' dawn is-servizzi kienu jinżammu kollha minnha. Allegat ukoll li l-konvenuta kienet iżżomm għaliha flus iġġenerati mill-bejgħ tal-prodotti, u li l-bejgħ tal-prodotti qatt ma kien iħalli qligħ u dejjem kien jiġi rreġistrat telf. Ix-xhud ġiet mistoqsija dwar il-fatt li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-konvenuta kellha titħallas elf Euro (€1,000) fix-xahar talli kienet tgħallem lill-istudenti, iżda l-attriċi qalet li mhux minnu li kien hemm dan il-ftehim. Lix-xhud sarilha riferiment għall-fatt li hi xehdet li l-konvenuta kienet nefqet tmienja u tletin elf Euro (€38,000) fix-xiri ta' *stock* u prodotti, u d-difensur tal-konvenuta talab lill-attriċi tispjega jekk kinitx għadha qiegħda ssostni li l-konvenuta mmisapproprjat l-ammont ta' sebgħin elf Euro (€70,000) mingħand l-attriċi b'dan il-mod:

> *"So let us imagine we have agreed that close to thirty thousand which was spent inside the house were not misappropriated by her and close to forty thousand was spent in stock and that would come very close to seventy thousand because a couple of thousand euro would be missing. Can we agree that that explains seventy thousand euro that went missing in your life?"*

Ix-xhud intalbet tipprovdi d-dettalji tal-*accountant* ingaġġat minnha sabiex ikun jista' jitħarrek biex jagħti x-xhieda tiegħu.

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2017 reġgħet xehdet l-attriċi[38], li qalet li hi kienet tat informazzjoni skorretta meta infurmat lill-Qorti li isem il-komputista huwa 'Clifton', u li fil-fatt isem il-komputista huwa 'Lewis', li iżda, meta kkuntattjat minnha sabiex jitla' jixhed quddiem il-Qorti, dan irrifjuta li jagħmel dan. L-attriċi qalet ukoll li dan il-komputista kien iltaqa' mal-konvenuta.

Il-konvenuta **Sue Caruana** għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[39] fejn spjegat li hi bdiet in-negozju tagħha fis-sena 2002, u għall-bidu kienet taħdem mid-dar, iżda sas-sena 2003 in-negozju kien kiber tant, anki bis-saħħa tal-fatt li l-hija kienet tidher regolarment fuq programmi tat-televiżjoni, li kellha tfittex post ġdid minn fejn setgħet tiġġestixxi n-negozju tagħha. Il-konvenuta qalet ukoll li hi bdiet issiefer fuq bażi regolari, u li f'dak iż-żmien hi kienet id-distributur ewlieni tal-prodotti tad-dwiefer tad-ditta LCN. Hi kompliet tgħid li n-negozju tant kien kiber li ħasset il-ħtieġa li timpjega għadd ta' persuni magħha, fosthom *nail technicians, hairdresser u beautician.* Qalet li n-*nail technicians* kienu jieħdu tmenin fil-mija (80%) ta' dak iġġenerat mis-servizzi li joffru lill-klijenti tagħhom, filwaqt li kienu jħallsu għoxrin fil-mija (20%) lin-negozju, filwaqt li hi kienet tieħu salarju fiss ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar. Qalet ukoll li fis-sena 2005 hi fetħet *salon* ġewwa Tas-Sliema fejn kienet timpjega erba' *nail technicians, beautician, sales representative* u *receptionist,* u li fl-2010 kienet fetħet *salon* fin-Naxxar u ħadet self mingħand il-Banif Bank biex setgħet tagħmel dan. Dan is-self kellu jitħallas fi żmien ħames snin, sa Diċembru tal-2015, u hi kellha obbligu li tħallas lura s-self lill-

[38] *A fol.* 468 tal-proċess.
[39] *A fol.* 475 tal-proċess.

bank b'pagamenti ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar. Qalet ukoll li l-kumpannija ġestita minnha, Beauty Inc kienet ilha taħdem b'faċilità ta' *overdraft* sa mill-2004. In-negozju li hi fetħet fin-Naxxar ma marx tajjeb daqs kemm stenniet, u in vista ta' dan il-konvenuta kellha tagħlaq il-ħwienet li kellha kemm fin-Naxxar kif ukoll Tas-Sliema, u reġgħet bdiet taħdem mid-dar tagħha.

Il-konvenuta spjegat kif f'dawk iż-żminijiet l-attriċi kienet klijenta u ħabiba tagħha, u li hi spiss kienet tgħidilha li xtaqet li n-negozju tagħha jerġa' jibda jikber. Il-konvenuta qalet li hi kienet taf li l-attriċi kellha dar fis-Swieqi li kienet tinkera lil terzi, u li l-attriċi kienet qalet lill-konvenuta li ma kinitx kuntenta bl-inkwilini li kellha. Il-konvenuta kompliet tgħid li hi kienet staqsiet lill-attriċi jekk kinitx interessata li tikrilha din id-dar, u li minn hemm nibtet l-idea li l-partijiet jiffurmaw sħubija bejniethom. Hi kompliet tgħid kif ġurnata wara li kellhom din id-diskussjoni bejniethom, l-attriċi kienet infurmatha li kienet lesta li tidħol sħab magħha fin-negozju, diment li hi tkun *silent partner,* u dan minħabba li l-attriċi kienet tħobb issiefer u ma xtaqitx li jkollha irbit fit-tul ma' Malta. L-attriċi kienet infurmat lill-konvenuta li hi ma xtaqitx rwol attiv fin-negozju u li xtaqet li tkun il-konvenuta li tieħu ħsieb it-tmexxija tal-kumpannija fuq bażi kwotidjana. Il-konvenuta qalet ukoll li l-attriċi ma kellha ebda esperjenza fil-qasam tad-dwiefer jew tas-sbuħija. Qalet ukoll li s-sħubija bejn il-partijiet kienet tagħmel sens minħabba li l-attriċi għandha tlett ibniet li huma *hairdresser, nail technician* u *beautician,* filwaqt li bint il-konvenuta hija *nail technician,* u għaldaqstant dan l-arranġament bejn il-partijiet kien jagħmel sens. Il-konvenuta kompliet tgħid li l-i*stock* li kellha hi dak iż-żmien kien jiswa madwar sittin elf Euro (€60,000) u li hi kienet infurmat lill-attriċi li biex takkwista nofs il-kumpannija, kellha toħroġ dak l-ammont. Il-konvenuta

kompliet tgħid li l-partijiet kienu ddeċidew li l-kumpannija Beauty Inc. kellha tibqa' topera sa Diċembru tal-2015, meta din kellha tingħalaq sabiex tiġi rreġistrata *partnership* bejn il-partijiet, u dan sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż li ż-żamma ta' kumpannija tinvolvi. Il-konvenuta qalet li d-data ta' Diċembru tal-2015 kienet marbuta mad-data sa meta kellu jitħallas is-self bankarju li hi kellha. Il-konvenuta kompliet tgħid li l-attriċi kienet qablet ma' dan l-arranġament. Qalet ukoll li n-negozju kien ser jibda jiġi ġestit mill-proprjetà tal-attriċi, iżda t-tranżizzjoni kienet mistennija li tkun waħda faċli u mingħajr intoppi, bil-konvenuta tieħu salarju ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) kif ukoll 80%-20% fuq il-*commissions* fejn l-arranġament li kien hemm fis-seħħ li min jagħti servizz jieħu tmenin fil-mija (80%) ta' dak imħallas mill-klijenti tiegħu, u jikkontribwixxi għoxrin fil-mija (20%) lejn il-kumpannija, kellu jibqa' jgħodd. Il-konvenuta qalet li hi kienet infurmat lill-attriċi li l-kumpannija kienet mistennija li tieħu madwar sena biex tibda tiġġenera profitt, iżda f'dan iż-żmien hi kienet ser iddaħħal elf u ħames mitt Euro (€1,500) mill-kera tal-proprjetà, filwaqt li t-tliet itfal tal-attriċi kienu ser ikunu impjegati fin-negozju. Il-konvenuta spjegat kif is-sit minn fejn beda jiġi ġestit in-negozju kien maqsum fi tlieta, is-*salon* li kien jinkludi *nail bar,* sezzjoni tal-*hairdressing,* sezzjoni tal-*make-up, pedicure* u *waiting area* fis-sular ta' isfel, kamra għal trattamenti tas-sbuħija fuq, flimkien ma' akkademja għat-tagħlim, u uffiċċju għad-distribuzzjoni ta' prodotti professjonali mill-uffiċċju fl-ewwel sular. Is-sular ta' fuq kien hemm il-ħsieb li jinkera bħala *med aesthetic clinic,* iżda n-negozju li kien ser isir f'dan ir-rigward baqa' ma seħħx.

Il-konvenuta qalet li minkejja li kien hemm qbil li l-affarijiet kienu ser jibqgħu mexjin bil-mod kif kienu qabel, hi kienet aċċettat li tibda tieħu salarju ridott ta' elf Euro (€1,000) fix-xahar sakemm in-negozju jqum fuq saqajh, u li dan l-

ammont kien dovut lilha minħabba li hi kienet tieħu ħsieb it-tmexxija tan-negozju, it-tagħlim, l-ordnijiet tal-prodotti u l-bejgħ ta' prodotti barra minn Malta. Il-konvenuta qalet ukoll li hi kienet tiddedika minimu ta' tletin siegħa fil-ġimgħa għall-*general management* tan-negozju. Qalet ukoll li minkejja li ma kienx hemm il-ħsieb li t-tlett itfal tal-attriċi jiġu impjegati mal-kumpannija mill-ewwel, hi kienet iddeċidiet li ddaħħalhom jaħdmu fil-kumpannija mill-ewwel, u dan minkejja li kien għad irid jinħoloq *client base* għalihom. Qalet ukoll li minn Mejju tal-2014 hi kienet ħadet ħsieb li tinvesti l-flus kollha dovuti lilha mill-kumpannija lura fl-operat tal-kumpannija, u li bejn Mejju u Ottubru tal-2014, hi ġġenerat wieħed u għoxrin elf, seba' mija u tlettax-il Euro (€21,713) dħul minn servizzi li hi offriet fis-*salon,* li minnhom 20% kienu dovuti lill-kumpannija filwaqt li l-bilanċ ta' sbatax-il elf, tliet mija u sebgħin Euro (€17,370) kien dovut lilha.[40] Madanakollu, il-konvenuta qalet li hi ma ħadet l-ebda salarju, iżda minflok investiet il-flus kollha lura fil-kumpannija.

Il-konvenuta qalet ukoll li l-flus li kellha tħallas l-attriċi bdew jitħallsu perjodikament, bosta drabi bi flus kontanti, u xi drabi permezz ta' *bank draft.* Il-ħlasijiet saru bejn Marzu u Ġunju tal-2014, u li kull darba li l-attriċi tatha xi flus, hi kienet tniżżel rendikont ta' dan fuq karta li hi kienet tagħti lil Carmen Mifsud, li min-naħa tagħha kienet tassigura li dawn il-flus jiġu ddepożitati fil-kont bankarju ta' Beauty Inc. Il-konvenuta qalet li b'dawn il-flus hi ħadet ħsieb tordna l-i*stock*, taħseb għall-*overheads* tal-kumpannija, tingaġġa ħaddiema sabiex jagħmlu x-xogħol li kien hemm bżonn, filwaqt li l-attriċi kellha tieħu ħsieb li tixtri mill-Ingilterra s-*soft furnishings* u għamara oħra li kien hemm bżonn għan-negozju. Il-konvenuta qalet li hi nefqet madwar ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) fuq *stock* għall-kumpannija, madwar ħamsa u għoxrin elf

[40] Dokument *a fol.* 490 tal-proċess.

Euro (€25,000) fuq għamara, madum u tagħmir u xogħol ieħor li kien hemm bżonn isir fid-dar tal-attriċi, kif ukoll intefqu madwar elfejn Euro (€2,000) fuq safra f'Bologna fejn il-partijiet iltaqgħu ma' rappreżentanti ta' ditti li huma kien fi ħsiebhom jimpurtaw il-prodotti tagħhom għall-bejgħ minn Malta. Il-konvenuta qalet ukoll li l-attriċi kienet nefqet madwar għaxart elef Euro (€10,000) fuq *soft furnishings,* u oġġetti oħra meħtieġa għan-negozju, u madwar għaxart elef Euro (€10,000) fuq aċċessorji tal-*hairdressing,* liema ammonti jwasslu għal total ta' sebgħin elf Euro (€70,000), li huma l-flus li l-attriċi ħarġet għas-sehem tagħha fin-negozju. Il-konvenuta spjegat kif in-negozju mexa għad-dar tal-attriċi fis-Swieqi, u hekk kif in-negozju beda jopera minn hemm f'Ġunju tal-2014, it-tlett itfal tal-attriċi bdew jaħdmu mal-kumpannija mill-ewwel u dan minkejja li dawn ma kellhomx klijentela. Il-konvenuta qalet li t-tifla tagħha, li wkoll bdiet taħdem minn din il-proprjetà fis-Swieqi, kienet *self-employed*, u li din kellha l-klijentela tagħha, bħalma kellha hi, u bħalma kellha Patricia Zammit. Il-konvenuta qalet li hi kienet tmexxi n-negozju kollu waħedha, u kienet tieħu ħsieb in-negozju, l-aspett tekniku, it-tagħlim, il-klijenti, il-kampanji ta' reklamar, u l-amministrazzjoni. Hi kienet taħdem għaxar sigħat kuljum. Carmen Mifsud kienet inkarigata miż-żamma tal-kotba tal-kumpannija, filwaqt li Holly Sant kienet inkarigata mill-bejgħ tal-prodotti. Il-konvenuta qalet ukoll li hi qatt ma misset il-flus tal-kumpannija jekk mhux wara li *records* tat-tranżazzjonijiet kollha kienu jkunu saru minn Carmen Mifsud. L-attriċi qalet ukoll li filwaqt li huwa minnu li l-impjegata Sharon Bugeja kienet taħdem filgħodu biss, madanakollu fin-negozju kien hemm sistema kompjuterizzata ta' appuntamenti u ta' flejjes iġġenerati. Il-flus iġġenerati mill-operat tas-*salon* kienu jintefqu fil-ħlas tas-salarji ta' wlied l-attriċi, filwaqt li mis-sular ta' isfel ma kinux qegħdin jiġu

ġġenerati biżżejjed flus biex setgħu jitħallsu s-salarji. Il-konvenuta qalet ukoll li hi qatt ma ħadet it-tmenin fil-mija (80%) dovuti lilha mis-servizzi li kienet tipprovdi, u li dawn il-flus bdew jiġu injettati lura fil-kumpannija. Il-flus iġġenerati mill-bejgħ tal-prodotti bdew jintużaw biex jitħallsu s-salarji ta' Carmen Mifsud u ta' Holly Sant, flimkien ma' spejjeż anċillari għat-tmexxija tan-negozju, bħax-xiri ta' prodotti, u ħlas tal-VAT.

Il-konvenuta kompliet tispjega li f'Awwissu tal-2014 l-attriċi kienet marret fl-uffiċċju tal-kumpannija flimkien ma' bintha matul il-lejl, fejn kissru s-serratura ta' skrivanija li kien hemm fl-uffiċċju tal-konvenuta, u ħadu xi *files* personali tagħha. Il-konvenuta qalet li kull tranżazzjoni li saret kienet ġiet irreġistrata, u li l-ispejjeż kollha marbuta man-negozju kienu rreġistrati fil-*ledger books.* Il-konvenuta kompliet tgħid li hi ma kellhiex x'taħbi, u li kieku l-attriċi riedet, setgħet titlob li tara l-*files* miżmuma fil-post minn fejn kien qiegħed jiġi ġestit in-negozju, u li din ma kellhiex għalfejn tidħol għall-*files* fis-satra tal-lejl. Il-konvenuta qalet li l-fatt li kien hemm *record* tal-ħlas ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal self bankarju li l-konvenuta kienet ħadet qabel il-partijiet iffirmaw il-ftehim ta' sħubija bejniethom, wassal lill-attriċi biex tibda tallega li l-konvenuta kienet qiegħda tisraqha, u minflok ma talbet lill-konvenuta tispjegalha, din bdiet tiġbed il-konklużjonijiet tagħha, u dan mingħajr qatt ma kienet talbet qabel informazzjoni dwar il-kumpannija mingħand il-konvenuta. Fi kliem il-konvenuta,

> *"[s]he was already convinced after 7 weeks of operating that I was stealing money from her and this payment fuelled her thoughts and paranoia. Instead of sitting down and asking me to explain the figures and payments to her, she assumed the worst and jumped to conclusions of her own. ... (Ann) also saw that one of the credit cards had gone to pay for a purchase I had made in Ireland and also a payment of an instalment of a personal loan of mine*

> *towards my car had been made. She saw that the company had paid for a single instalment on my car loan and three phone bills of about €10-€15 each along with some other minor transactions on the credit card. I saw no harm in this since I had received no salary as mentioned above. These payments had all been logged in the ledger books and would simply be deducted against what I was owed for my work. Moreover, up until then I had never answered to anyone and as far as I was concerned we had simply transitioned and thought nothing of it."*

Il-konvenuta qalet li dan wassal lill-attriċi titlob biex il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet jiġi mibdul, u biex minflok kif kien ġie maqbul oriġinarjament, li l-kera tibda titħallas f'Settembru tal-2014, din talbet il-ħlas tal-kera b'effett minn Ġunju tal-2014. Il-konvenuta qalet li hi qabdet u ħallset dak dovut lill-attriċi. Il-konvenuta allegat li darba minnhom l-attriċi bdiet tgħajjat magħha fl-uffiċċju u kienet qaltilha li jekk ma tħallashiex dak dovut lilha, kienet ser tmur għaliha. Il-konvenuta qalet li hi kienet taf l-attriċi sa fejn kapaċi tasal, u li kienet tibża' mill-burdati tagħha. Il-konvenuta allegat ukoll li l-attriċi kienet hedditha li toqtolha wara li l-awditur li mar fil-bini tal-kumpannija kien qal li l-konvenuta ma kienet serqet l-ebda flus. Il-konvenuta qalet li fis-sajf tal-2014 hija kienet irċeviet xi flus mingħand qraba tagħha li jgħixu barra minn Malta, u li kif l-attriċi saret taf b'dan, kienet talbitha tħallas il-kera b'lura b'effett minn Ġunju tal-2014. Il-konvenuta qalet li l-attriċi kellha obbligu tħallas ukoll ħamsin fil-mija (50%) tal-kontijiet tan-negozju, iżda hi beżgħet tgħidilha li strettament hi kienet obbligata tħallas 50% tal-kera ukoll. Il-konvenuta qalet li l-attriċi reġgħet daħlet fl-uffiċċji tal-kumpannija sabiex tieħu informazzjoni mill-*files* għat-tieni darba, u dan minkejja li kulma kellha bżonn tagħmel kien li titlob l-informazzjoni u din tingħatalha. Barra minn hekk l-attriċi kienet installat *cameras* tas-sigurtà fil-binja kollha sabiex taċċerta ruħha minn dak kollu li kien għaddej fil-kumpannija anki meta hi ma tkunx

preżenti. Il-konvenuta qalet li l-attriċi biddlet is-serraturi tal-proprjetà tagħha fis-Swieqi, tant li biex hi setgħet taħdem, kien ikollhom imorru jiftħulha l-attriċi jew it-tfal tagħha. Il-konvenuta qalet li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, it-temperament tal-attriċi beda jsir aktar vjolenti, tant li hi ddeċidiet li ma setgħetx tkompli taħdem f'dak l-ambjent, u kienet offriet lill-attriċi li tħallasha s-sebgħin elf Euro (€70,000) lura sabiex jerġgħu jinfirdu. Din il-proposta iżda ma ġietx aċċettata mill-attriċi li riedet in-negozju għat-tfal tagħha, u li offriet li tħallas tletin elf Euro (€30,000) lill-konvenuta biex tkopri l-ispejjeż tagħha u sabiex il-konvenuta tinqala' 'l barra min-negozju.[41] Il-konvenuta qalet li hi bdiet tibża' għas-sigurtà tagħha u tal-familja tagħha, u kienet saħansitra aċċettat li tavviċina d-ditti esteri li kienu jimpurtaw il-prodotti mingħandhom biex tinfurmahom li l-attriċi kienet ħadet in-negozju f'idejha u sabiex dawn jirrikonoxxu lilha bħala distributur ewlieni tal-prodotti tagħhom. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li l-attriċi kienet wegħditha l-ħlas ta' tletin elf Euro (€30,000), dawn il-flus qatt ma tħallsu lilha.

Il-konvenuta qalet li minkejja li l-kumpannija kienet tidher li kellha l-i*stock*, dan kien kollu fil-pussess tal-attriċi, u li l-kumpannija li baqgħet f'isem il-konvenuta, kellha tagħti tlett elef, mija u sebgħa u sittin Euro (€3,167) lid-Dipartiment tal-VAT. L-attriċi naqset li tħallas is-salarju dovut lil bint il-konvenuta, u li wara t-tluq tal-konvenuta u bintha mill-bini tan-negozju, l-attriċi baqgħet tbiegħ l-i*stock* u tiġġestixxi n-negozju waħedha, waqt li l-konvenuta spiċċat f'sitwazzjoni fejn kellha terġa' twaqqaf negozju għal rasha mid-dar tagħha. Il-konvenuta qalet li kien hemm għadd ta' kontijiet li hi kellha tħallas b'rabta man-negozju li l-partijiet kellhom bejniethom, fosthom ħlas

[41] *A fol.* 483 *et seq.* tal-proċess.

għall-i*stock* fl-ammont ta' €1,007 (*cheque* 1477), ħlas ta' kont tal-Melita tas-*salon* fl-ammont ta' €147.38 (*cheque* 1484), ħlas ta' €266.98 prodotti tas-sbuħija (*cheque* 1485), xiri ta' prodotti tad-ditta Andreia fl-ammont ta' €3076.6 (*cheque* 1487), xiri ta' prodotti tad-ditta Wilde (*cheque* 1489) fl-ammont ta' €2,500, ħlas ta' kera fl-ammont ta' €6,000 (*cheque* 1494) u x-xiri ta' prodotti fl-ammont ta' €2,302 (*cheque* 1496).[42] Il-konvenuta kkonkludiet li anki wara li hi telqet min-negozju, l-attriċi baqgħet tagħmlilha isem ħażin fl-industrija u tallega li l-konvenuta serqitha. Qalet ukoll li hi spiċċat mingħajr xogħol u mingħajr ebda flus wara l-mandat ta' sekwestru li għamiltilha l-attriċi.

Il-kontroeżami tal-konvenuta **Sue Caruana** sar fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017[43], u din ġiet mistoqsija dwar il-fatt li fi ftehim partikolari li ġie ffirmat mill-partijiet, hi kienet qablet li kienet ħadet somma flus ta' għaxart elef Euro (€10,000) mill-kumpannija. Ix-xhud spjegat ir-raġuni għalfejn hi qablet li tiffirma l-iskrittura ddettata mill-attriċi nnifisha, fejn ġiegħlet lill-konvenuta tammetti li hi kienet serqet ammont ta' flus mill-uffiċċji tal-kumpannija. Il-konvenuta allegat li l-attriċi għandha temperament ikrah tant li mhux ta' min jikkuntlarjaha, u kienet tibda tgħajjat, twerżaq u thedded lill-konvenuta, u li hi kienet ittamat li hekk kif l-affarijiet jikkalmaw, hi kienet ser tkun tista' tispjega kollox lill-attriċi. Il-konvenuta qalet ukoll li hi kienet taf li l-attriċi kienet ingaġġat awditur, li ma kien ser isib xejn ħażin fl-operat tal-konvenuta, u li kien ser jasal għall-konklużjoni li hi ma serqet l-ebda flejjes tal-kumpannija. Il-konvenuta kompliet tgħid li fi tmiem il-laqgħa li saret fil-preżenza tal-awditur, l-attriċi qabdet u qattgħet l-iskrittura hekk kif intemmet il-laqgħa mal-awditur

[42] Dawn id-dettalji kollha ġew ikkomunikati lill-attriċi permezz ta' *email* mibgħuta lilha fit-23 ta' Novembru, 2014, kopja ta' liema tinsab *a fol.* 491 tal-proċess.
[43] *A fol.* 497 tal-proċess.

li kienet qabdet l-attriċi stess biex jeżamina l-kotba tal-kumpannija. Il-konvenuta qalet li minn meta ġiet iffirmata l-iskrittura bl-ammissjoni tagħha, sal-ġurnata li fiha ssejjaħ l-awditur, kienu għaddew madwar għaxart ijiem. Il-konvenuta qalet li hi kienet sfurzata tiffirma l-ftehim il-ġdid li kellu jirregola s-sħubija bejn il-partijiet, u li hi kienet iffirmat sabiex iżżomm il-kwiet minħabba fl-istress u l-biżgħa li kienu ħakmuha minħabba fl-atteġġjament tal-attriċi. Il-konvenuta qalet ukoll li fit-tieni ftehim iffirmat bejn il-partijiet kien ġie maqbul li l-attriċi tkun *'silent partner'* iżda bi rwol attiv fil-kumpannija, u kienu qablu wkoll li l-kera kellha titħallas lill-attriċi b'lura minn Ġunju minflok minn Settembru tal-2014. Qalet ukoll li waqt tilwima oħra li nqalgħet bejn il-partijiet, l-attriċi kienet talbitha tħallas l-ammont sħiħ tal-kera, xi ħaġa li hi għamlet billi ħarġitilha *cheque* mill-kont personali tagħha. Il-konvenuta qalet li wara li l-attriċi kienet ġiet infurmata mill-awditur li l-ebda flejjes tal-kumpannija ma kienu nsterqu mill-konvenuta, l-attriċi kienet iddeċidiet li tixtri sehem il-konvenuta fin-negozju. Il-konvenuta kkonfermat li l-ftehim li kellhom il-partijiet kien li l-attriċi kellha toħroġ l-ammont ta' sittin elf Euro (€60,000) li bejn wieħed u ieħor kien jekwivali għall-ammont ta' *stock* li kellha mixtri l-konvenuta qabel ġiet iffurmata s-sħubija, iżda ma kien hemm l-ebda prova bil-miktub dwar il-valur ta' dan l-i*stock*. Il-konvenuta spjegat li minkejja li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar is-salarju li hi kellha tieħu mill-kumpannija, hi kienet il-*managing partner,* jew aħjar il-*working partner.* L-attriċi ma kinitx taħdem fin-negozju u kellha jedd għal 50% tal-profitti, mingħajr ma kienet taħdem. Il-konvenuta qalet li hi ġieli ħadmet sittin siegħa fil-ġimgħa u kellha dritt tieħu salarju, għalkemm dan qatt ma ħaditu. Il-konvenuta spjegat li kien hemm tliet aspetti tan-negozju, il-bejgħ tal-prodotti, it-taħriġ u l-għoti ta' korsijiet, u l-għoti ta' servizzi marbuta mas-sbuħija. Il-

konvenuta qalet li hi kienet tiġġestixxi kemm il-parti amministrattiva kif ukoll il-parti tal-bejgħ tal-prodotti, u li kienet hi li tmexxi l-korsijiet ta' taħriġ lill-istudenti. Il-konvenuta qalet li mill-għoti ta' servizzi lill-klijenti tal-kumpannija, hi kellha jedd għal tmenin fil-mija (80%) tad-dħul iġġenerat, bħall-kumplament tal-impjegati. Għall-mistoqsija dwar ir-raġuni għaliex dan kollu ma tniżżilx fil-ftehim bil-miktub, il-konvenuta wieġbet:

> *"After we are all very clever. It was a mistake. The agreement was that she would buy into an existing business, which as you said she was a friend and also a client for years. Her daughter had worked for me for many years and knew exactly how the business worked. She bought into an existing business, nothing changed, only what she invested into the business. So my role and my pay and everything else didn't change. It all remained the same."*

Il-konvenuta spjegat ukoll li l-għoxrin fil-mija (20%) *commission* kienu mistennija li jitħallsu lill-kumpannija li kienet f'isimha, imma kien hemm il-ħsieb li ssir il-*partnership* bejn il-partijiet. Hi qalet li l-unika raġuni għalfejn ma xoljietx il-kumpannija kienet li hi kienet qiegħda tgawdi minn perijodu ta' krediti tat-taxxa. Il-konvenuta baqgħet issostni li hi la ħadet is-salarji dovuti lilha u lanqas il-*commissions* mill-kumpannija. Qalet ukoll li hu impossibbli li wara biss tliet xhur ta' operat ta' kwalunkwe negozju, jkun hemm tmenin elf Euro (€80,000) disponibbli li setgħu jiġu misapproprjati jew misruqa. Il-konvenuta qalet ukoll li ma jistax ikun li l-attriċi ma kinitx taf li hi kellha self bankarju meta kienet iddeċidiet li tiftaħ l-istabbiliment fin-Naxxar, u dan minħabba li f'punt minnhom il-konvenuta ma bdietx tlaħħaq mal-pagamenti u kienet sellfitha xi flus l-attriċi stess, liema flejjes sussegwentement il-konvenuta kienet raddet lura. Il-konvenuta qalet li l-attriċi kienet xtrat ishma f'kumpannija eżistenti, u li hi kienet daħlet fin-negozju kif sabitu. Qalet ukoll li l-i*statements* bankarji, id-dokumentazzjoni kollha u l-*files* kienu kollha għad-

dispożizzjoni tal-attriċi li kieku hi riedet tarahom, u din kellha aċċess għalihom fil-ħinijiet kollha. Il-konvenuta qalet li l-kexxun ta' Carmen Mifsud kien imsakkar minħabba li din kienet iżżomm fih ammonti żgħar ta' flus.

Il-kontroeżami tal-konvenuta kompla fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2017[44], fejn sarilha riferiment għall-parti tax-xhieda tagħha fejn hija qalet li kienet nefqet l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) f'xogħol fid-dar tal-attriċi. Il-konvenuta qalet li l-irċevuti u l-kopji taċ-ċekkijiet relattivi kienu nżammu minn Carmen Mifsud. Il-konvenuta qalet li l-attriċi b'kollox kienet tatha l-ammont ta' ħamsin elf Euro (€50,000), u li l-attriċi kienet nefqet madwar għoxrin elf Euro (€20,000) f'arredamenti u tagħmir li kien meħtieġ biex il-proprjetà tagħha tinbidel f'*salon* minn dar residenzjali. Il-konvenuta qalet li anki l-flus li ntefqu għax-xiri tal-i*stock*, kien hemm *invoices* għalihom li hi ħalliet warajha fil-proprjetà tal-attriċi u dawn il-ħlasijiet kollha saru bis-sistema Western Union. Il-konvenuta qalet li hi ġiet imkeċċija mill-bini tal-kumpannija u li meta ppruvat tirritorna l-għada li ntalbet titlaq mill-bini, hi sabet is-serraturi mibdulin. Il-konvenuta qalet ukoll li kien hemm diversi eżempji ta' imġiba ħażina li hi kellha tittollera, partikolarment meta l-attriċi kienet allegat quddiem xi klijenti li l-konvenuta serqet xi prodotti, u kien intalab l-intervent tal-impjegata Carmen Mifsud sabiex ġie assigurat li l-konvenuta ma kienet serqet xejn. Il-konvenuta sostniet li l-awditur li kien ġie inkargiat mill-attriċi kien ikkonkluda li ma kien hemm xejn li mhux f'loku fil-mod kif kienu qegħdin jinżammu r-*records* tal-kumpannija u kien ikkonferma wkoll li l-konvenuta ma kienet serqet xejn. Il-konvenuta qalet li hi ma kellha l-ebda diffikultà bl-involviment tal-awditur da parti tal-attriċi minħabba li hi

[44] *A fol.* 510 tal-proċess.

kienet taf li dan ma kien ser isib l-ebda evidenza ta' xi għemil ħażin min-naħa tagħha.

Fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Lisa Mangion**[45], li qalet li hi kienet saret taf lill-konvenuta meta ħadet kors tad-dwiefer mingħandha u kienu baqgħu ħbieb. Qalet ukoll li hi kienet tixtri l-prodotti mingħand il-konvenuta biex setgħet taħdem fuq il-klijenti tan-negozju tagħha. Ix-xhud qalet li hi spiss kienet iżżur is-*salon* fejn tkun qiegħda taħdem il-konvenuta biex tixtri xi prodotti, u li darba fost l-oħrajn daħlet u sabet il-ħanut vojt. Ix-xhud qalet li t-tifla tal-attriċi kienet qaltilha li l-konventua dak il-ħin kienet f'*meeting,* u talbitha titlaq. Qalet li hekk kif kienet ħierġa mis-*salon* rat lil Holly Sant u lir-*receptionist,* u li Holly kienet qiegħda tirtogħod. Dak il-ħin ix-xhud indunat li kien hemm xi ħaġa għaddejja u ddeċidiet li tistenna barra, filwaqt li bdiet tibgħat messaġġi lill-konvenuta biex tara jekk din xtaqithiex iċċempel lill-Pulizija. Ix-xhud kompliet tispjega kif wara madwar siegħa u nofs barra, ħarġet Holly mill-ħanut li qaltilha li l-partijiet kellhom diżgwid bejniethom, u li bint l-attriċi kienet beżqet fuq il-konvenuta u kienet aggressiva fil-konfront tagħha. Ix-xhud kompliet tgħid li ftit ġranet biss wara, il-konvenuta u bintha kienu marru għandha d-dar u li t-tnejn kienu xxukkjati b'dak kollu li kien ġara bejn il-partijiet. Hi kompliet tispjega li dakinhar li marret fil-ħanut u ntalbet titlaq minn bint l-attriċi, hi kienet semgħet għajjat u vuċijiet għolja. Għad-domandi tad-difensur tal-attriċi, ix-xhud wieġbet li l-konvenuta kienet qaltilha li kienet iffirmat xi dokumenti li jgħidu li l-konvenuta kienet ħadet xi flus min-negozju, u li kienet għamlet dan sabiex tipprova ssib soluzzjoni għad-diżgwid li nħoloq bejn il-partijiet. Ix-xhud kienet infurmata wkoll li l-konvenuta kienet fiduċjuża

[45] *A fol.* 516 tal-proċess.

li ladarba jissejjaħ awditur biex jivverifika l-kotba tal-kumpannija, dan kien ser isib li ma kien hemm xejn barra minn loku fl-amministrazzjoni tal-kumpannija.

Fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2017 xehdet **Holly Sant**[46], li qalet li hi tixtri prodotti tad-ditta LCN mingħand l-attriċi, u li hi tmexxi negozju tagħha fil-qasam tas-sbuħija. Ix-xhud qalet li hi kienet saret taf lill-konvenuta fl-2008, meta bdiet taħdem magħha fis-*salon* fin-Naxxar, u li kienet tirċievi salarju b'mod regolari għax-xogħol tagħha. Ix-xhud qalet li maż-żmien hi bdiet titħallas bil-*commission,* u meta kienet tilħaq ċertu miri ta' dħul, kienet tingħata *bonus*. Qalet li sussegwentement hi ġiet impjegata mal-konvenuta bħala *sales representative* u kienet taqla' salarju ta' elf u mitejn Euro (€1,200) fix-xahar, oltre xi *bonuses* jekk tilħaq il-miri tal-bejgħ tagħha. Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi l-arranġament li kellhom l-impjegati l-oħra tal-konvenuta kien li jikkontribwixxu 20% tad-dħul tagħhom lin-negozju, u jżommu l-kumplament. Ix-xhud qalet li n-negozju kollu u s-servizzi kollha offruti mill-konvenuta qabel l-iffurmar tas-sħubija mal-attriċi, kienu ġew ittrasferiti lejn is-sit fis-Swieqi, u li n-negozju baqa' jitmexxa bl-istess mod kif kien qabel, għalkemm ġew introdotti xi servizzi ġodda. Ix-xhud qalet li hi qatt ma nnutat li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora, iżda li l-problemi bejniethom nibtu f'daqqa waħda. Qalet li jum fost l-oħrajn kienet innutat li fl-uffiċċju kulħadd kien jidher inkwetat, u li l-attriċi kienet waqgħet fl-art wara li taha attakk ta' paniku, filwaqt li kien hemm ħafna storbju u għajjat. Ix-xhud qalet li l-konvenuta kienet qiegħda tipprova tikkalma lill-attriċi, li min-naħa tagħha baqgħet tgħajjat. Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi l-argument bejn il-partijiet kien dwar flus, u li l-attriċi bdiet tallega li l-konvenuta kienet daħqet biha. Ix-xhud qalet li wara dan l-episodju ir-relazzjoni tagħha mal-attriċi ddeterjorat, minħabba li

[46] *A fol.* 525 tal-proċess.

din bdiet takkużaha li kienet serqet min-negozju u kienet qiegħda tgħaddi l-flus lill-konvenuta. Ix-xhud qalet li l-attriċi bdiet tissuspetta ħażin fiha, u din bdiet tistaqsiha x'kienet tagħmel bil-flus li taqla' mill-bejgħ tal-prodotti.

Il-konvenuta esebiet ukoll *affidavit* ta' bintha **Justine Cassano**[47], li xehdet li hi kienet ilha taħdem fin-negozju ma' ommha għal madwar għaxar snin. Ix-xhud ikkonfermat li ommha kellha *salon* f'post li kienet tikri fis-Swieqi, u li minn dan is-*salon* kienet toffri servizzi varji fil-qasam tas-sbuħija. Qalet ukoll li l-attriċi u ommha kienu ħbieb. Ix-xhud kompliet tispjega kif fis-sena 2014, il-partijiet kienu ddeċidew li jiffurmaw sħubija bejniethom, fejn l-attriċi qablet li toħroġ ammont ta' flus sabiex jiġu investiti fin-negozju u li kienet talbet li tkun *silent partner*. Ix-xhud qalet li l-idea oriġinarjament kienet li l-attriċi tinvesti madwar sittin elf Euro (€60,000) fin-negozju, iżda li l-ammont kien tela' għal sebgħin elf Euro (€70,000) wara ftit taż-żmien. Qalet ukoll li kien hemm ftehim li n-negozju kellu jibda jiġi ġestit minn post fis-Swieqi li kien jappartjeni lill-attriċi, u li din kellha titħallas kera ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar. Ix-xhud qalet li ammont sostanzjali tal-flus maħruġa mill-attriċi kienu intużaw mill-attriċi stess għall-arredament tal-proprjetà tagħha li kellha sservi bħala l-bażi minn fejn isir in-negozju minflok ma tibqa' dar residenzjali. Ix-xhud qalet li l-arranġament li hi kellha ma' ommha kien l-istess arranġament li kellu kull min kien jaħdem fin-negozju li kienet tmexxi l-konvenuta qabel ġiet ifffurmata s-sħubija, dik li tikkontribwixxi 20% tad-dħul tagħha lejn in-negozju. Ix-xhud qalet li mill-bini il-ġdid tan-negozju l-konvenuta baqgħet toffri l-istess servizzi li kienet toffri qabel, u li s-servizzi bdew jiġu offruti mill-istess nies, għalkemm hekk kif in-negozju mexa għall-bini l-ġdid, kienu ngħaqdu magħhom it-tliet ulied tal-attriċi, li kellhom jirċievu salarju mill-kumpannija. Ix-xhud qalet li sa

[47] *A fol.* 540 tal-proċess.

mill-bidu tan-negozju bejn il-partijiet, l-attriċi bdiet iġġib ruħha b'ċerta ostilità u kienet tissuspetta f'kulħadd. Qalet li bdew jinqalgħu diversi kwistjonijiet minħabba l-flus. Ix-xhud spjegat li r-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat serjament wara li l-attriċi daħlet fil-bini tan-negozju billejl, kissret kexxun fejn kienu jinżammu *files* u *records* tan-negozju, u ħadet xi dokumenti. Qalet li l-għada, hi flimkien ma' ommha ġew mgħajta fl-uffiċċju mill-attriċi u bintha, u li dawn bdew jakkużaw lill-konvenuta li din kienet serqet xi flus min-negozju. Ix-xhud qalet li waqt dan l-argument, bint l-attriċi Demi, kienet beżqet fuq ommha, u li bint l-attriċi l-oħra Monica kienet talbet lil Demi toħroġ mill-kamra sabiex is-sitwazzjoni tikkalma. Ix-xhud spjegat kif dakinhar stess filgħaxija l-attriċi talbet lix-xhud tmur id-dar tagħha, u li din kienet fetħet il-kotba tal-kumpannija u bdiet tipprova tispjega lix-xhud li xi ħadd kien qiegħed jisraq mill-kumpannija. Ix-xhud qalet li kien kollu ta' xejn li hi ppruvat tispjegalha li ma jistax ikun li xi ħadd jimmisapproprja flejjes ta' kumpannija meta t-tranżazzjonijiet tad-dħul u l-infiq huma kollha dokumentati u rreġistrati. Ix-xhud kompliet tgħid li ftit ġranet wara l-attriċi kienet installat *cameras* tas-sigurtà u mikrofoni madwar il-ħanut kollu sabiex setgħet tkun taf x'qiegħed isir u jintqal f'kull waqt. Ix-xhud ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li ommha kellha bżonn issiefer b'mod urġenti wara argument li kellhom il-partijiet bejniethom, u l-attriċi kienet għajtitilha waqt li kienet qiegħda tagħmel xogħol fuq klijenta u kienet staqsietha jekk kinitx ser tibqa' taħdem mal-attriċi jew kienx fi ħsiebha tibqa' taħdem ma' ommha. Ix-xhud qalet li hi għażlet li tmur taħdem ma' ommha. Meta semgħet hekk, l-attriċi talbitha taqbad ħwejjiġha u titlaq mill-ħanut dak il-ħin stess -

> *"Ann had called me multiple times in the evening and even very early mornings. She called me twice at 7am and told me to be at the salon to go over all the*

*details again and she would then phone me again in the evening. Ann would talk to me about the accountant that she had coming in and that he would go through all the papers and he would prove that the money had been stolen. The last time she called me was the day after she kicked me out of the salon. She called me at 7am shouting and screaming because my mother had not picked up the phone, calling my mother all sorts of names and so I hung up the phone."*

Il-konvenuta esebiet ukoll *affidavit* ta' **Patrizia Zammit**[48] li qalet li wara li l-konvenuta kienet telqet mis-*salon*, hi kienet ġiet ikkonfrontata mill-attriċi, li staqsietha l-opinjoni tagħha dwar x'kellu jsir mit-tifla tal-konvenuta, Justine Cassano. Ix-xhud qalet li hi kienet qalet lill-attriċi li jkun aħjar jekk tistaqsi lil Justine xi xtaqet tagħmel, u li dakinhar stess l-attriċi kienet iddeċidiet li tkeċċi lil Justine mill-ħanut b'effett immedjat. Ix-xhud qalet li Justine ma kellha imkien fejn tmur taħdem, u li la kellha prodotti biex taħdem u lanqas ħin biex taħseb x'setgħet tagħmel. Ix-xhud qalet li hi kienet uriet lill-attriċi li ma kinitx imxiet b'mod korrett meta għamlet hekk.

Il-konvenuta **Sue Caruana** ppreżentat *affidavit* ulterjuri[49], fejn spjegat li hi kienet ilha taf lill-attriċi għal aktar minn għoxrin sena. Qalet li hi kienet taf li l-attriċi hi t-tip ta' persuna li tiġġieled jekk ikollha raġuni għal xiex tagħmel hekk, u li hi kienet taf li fil-passat din kienet involuta f'xi inċidenti, għalkemm qatt ma basret li l-attriċi kienet paranojika. Il-konvenuta qalet li hi kienet ilha tmexxi n-negozju tagħha sa mis-sena 2001, u li s-sena 2012 kienet waħda iebsa għaliha minn aspett ta' negozju. Qalet li hi xtaqet tkabbar in-negozju iżda ma kellhiex il-kapital biex tagħmel dan. L-attriċi kienet uriet interess li tinvesti fin-negozju tal-konvenuta, u l-konvenuta kkunsidrat bis-serjetà li din tidħol sħab magħha, u għad li l-attriċi ma kellha l-ebda ħila jew għarfien tan-

[48] *A fol.* 543 tal-proċess.
[49] *A fol.* 548 tal-proċess.

negozju tas-sbuħija, din kellha post fis-Swieqi li kien ideali biex jintuża bħala *salon* tas-sbuħija. Il-konvenuta qalet li l-idea kienet li hi jkollha l-kapital li tant kellha bżonn sabiex tkabbar in-negozju tagħha, filwaqt li l-attriċi kienet ser issir sħab magħha f'negozju li qabel kien tal-konvenuta waħedha. Il-konvenuta qalet ukoll li bħal kull negozju ieħor, fin-negozju tagħha kien hemm kemm assi kif ukoll obbligi bankarji li l-attriċi kienet infurmata bihom. Il-konvenuta qalet li hekk kif bdiet din is-sħubija bejn il-partijiet, l-attriċi bdiet turi aspett mill-karattru tagħha illi li kieku l-konvenuta kienet taf bih qabel, ma kinitx tikkunsidra li tidħol sħab magħha fin-negozju. Il-konvenuta qalet li l-attriċi kienet suspettuża u kienet tiddubita f'kollox u ma tafda lil ħadd. Spjegat li dakinhar li l-partijiet kellhom l-ewwel argument, wara li l-attriċi ltaqgħet mat-tifla tagħha f'ħanut minn fejn kienet qiegħda tixtri prodotti biex setgħet tagħmel trattament fuq klijenta, kienet għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni mill-partijiet dwar liema ditta ta' prodotti tal-kura tal-ġilda kienet ser tibda tintuża fis-*salon* tagħhom, u li għaldaqstant il-kwistjoni ma kinitx waħda ta' nuqqas ta' flus biex jinxtraw il-prodotti, iżda l-ħtieġa li l-partijiet jagħmlu deċiżjoni infurmata dwar liema ditta kienu ser jaffiljaw ruħhom magħha. Madanakollu l-attriċi ma riditx tisma' din l-ispjegazzjoni, u minflok dakinhar stess billejl daħlet fl-uffiċċji tal-kumpannija minn fejn ħadet xi dokumentazzjoni, li bdiet tallega li kienu jippruvaw li l-konvenuta kienet serqet flejjes li ma kinux tagħha. Il-konvenuta qalet ukoll li minn hemm 'il quddiem l-affarijiet bdew jiddeterjoraw b'ritmu mgħaġġel. Il-konvenuta spjegat li l-attriċi ma kellhiex l-għarfien neċessarju biex tifhem dak in-negozju fiex kien jikkonsisti, tant li kienet impjegat lit-tliet uliedha fil-kumpannija, meta dawn ma kellhom l-ebda klijenti li bis-saħħa tagħhom setgħu jiġġeneraw xi tip ta' introjtu għall-kumpannija. Il-konvenuta qalet li l-aspettattivi tal-attriċi ma

kinux realistiċi, u li din kienet tippretendi li negozju li għadu jibda jagħmel profitt mill-ewwel. Il-konvenuta kompliet tispjega kif madwar ġimgħa wara l-ewwel konfront bejn il-partijiet, kien hemm argument ieħor fejn l-attriċi kienet ġabet ruħha b'mod aggressiv u ostili fil-konfront tagħha. Il-konvenuta spjegat kif l-attriċi jidher li kellha problema bil-fatt li hi, il-konvenuta, iżżomm madwar 80% ta' dak li kienet tiġġenera bħala dħul mis-servizzi li kienet tippresta lill-klijenti tagħha. Qalet li dan kien l-istess arranġament li kellhom l-impjegati kollha tal-kumpannija. Qalet ukoll li dan in-negozju kien l-uniku mezz li bih hija setgħet taqla' l-għajxien tagħha, u li hi kienet taħdem madwar sittin siegħa fil-ġimgħa u għalhekk kienet tippretendi li titħallas għal xogħolha. Il-konvenuta qalet ukoll li l-attriċi ma kinitx taħdem fin-negozju u li ma kellha l-ebda ħiliet jew kwalifiċi speċjalizzati li setgħu jkunu ta' utilità għan-negozju. Il-konvenuta qalet ukoll li fir-realtà hi rari kienet tieħu l-flus dovuti lilha mill-kumpannija, u li kienet ħadet ammont żgħir ferm minn dak kollu li kien dovut lilha. Il-konvenuta spjegat kif l-attriċi kellha problema bl-*overdraft* tan-negozju li l-konvenuta kellha mal-Banif Bank, u dan minkejja li din kienet taf li xi żmien qabel il-konvenuta kellha bżonn tieħu self mill-bank minħabba li n-negozju li kellha ma kienx sejjer daqstant tajjeb. Il-konvenuta elenkat ukoll l-ispejjeż li kellha l-kumpannija sabiex seta' jitmexxa *salon* tas-sbuħija, fosthom is-salarji li kellhom jitħallsu lill-impjegati, fosthom dawk ta' ulied l-attriċi, kontijiet tad-dawl u l-ilma li f'negozju ta' din ix-xorta kienu jlaħħqu l-mitejn Euro (€200) fix-xahar, xiri ta' *stationery* u bżonnijiet tal-uffiċċju, taxxa tal-VAT, ħlas għat-tindif tas-salon, il-kera li kienet tammonta għal elf u ħames mitt Euro (€1,500) fix-xahar, il-ħlas tal-petrol tas-*sales representative* li kien ta' madwar tletin Euro (€30) fil-ġimgħa u spejjeż oħra marbuta mat-tmexxija ta' dak it-tip ta' negozju. Il-konvenuta qalet li meta hi effettivament tkeċċiet min-negozju, hi ma

ngħatat l-ebda kotba jew dokumenti marbuta man-negozju u ngħatat lura biss dokumenti personali tagħha. Qalet ukoll li meta ġara dan kollu, hi kellha tħalli warajha negozju li bniet fuq medda ta' snin, u li f'perijodu qasir ferm kienet tilfet dak kollu li ħadmet għalih. Qalet ukoll li r-reputazzjoni tagħha f'dan il-qasam ġiet affettwata, bħalma ġie affettwat il-*credit standing* tagħha mal-banek u dan kollu minħabba fl-atteġġjament tal-attriċi fil-konfront tagħha. Il-konvenuta kkonkludiet l-*affidavit* tagħha billi qalet:

> *"I cannot account for every euro advanced to the business by plaintiff. Much of the money invested by plaintiff was spent directly by plaintiff, either in purchases of furniture or in doing up her own property in the interests of the business. Clearly now, since she pushed me outside of the property, all such investment must be considered as having been made in her own interests. I have detailed as best I could what I recall were the original expenses paid for from plaintiff's original advance. The balance – whatever that may amount to – went into the business and became co-mingled with the money of the business. It would have been used in the purchase of stock, payment of salaries and other costs. Rent to Ann was paid by me from my money although it should have been paid by the business."*

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018 kompla l-kontroeżami ta' **Holly Sant**[50], li qalet li r-relazzjoni tagħha mal-attriċi bdiet tiddeterjora saħansitra minn qabel ma l-konvenuta telqet mill-kumpannija, u li wara t-tluq tal-konvenuta hi kienet imdejqa ħafna, l-aktar minħabba li ma kinitx taf fejn hi. Ix-xhud qalet li dakinhar li hi telqet min-negozju tal-partijiet, hi mhux ħarġet mill-post, iżda telqet tiġri 'l barra, bl-attriċi tiġri warajha wkoll. Qalet li f'dak il-punt, hi kienet imbeżżgħa ħafna mill-attriċi, u li kienet semgħet biżżejjed dwar dak li ġara bejn il-partijiet biex ikollha għalfejn tħossha beżgħana. Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm istanzi fejn l-attriċi kienet akkużata li hi ħalliela, *'thief'*.

[50] *A fol.* 555 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Patrizia Zammit**[51], li qalet li hi qatt ma kellha għalfejn tibża' mill-attriċi waqt ix-xogħol. Ix-xhud ikkonfermat li hi kienet talbet lill-attriċi tħalli lil Justine Cassano tiddeċiedi hi jekk xtaqitx tibqa' taħdem fin-negozju mal-attriċi, u mhux taqbad u tkeċċiha.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Justine Cassano**[52], li kkonfermat li kien hemm diversi episodji fejn l-attriċi esprimiet rabja dwar diversi affarijiet. Qalet li kienet tinħass din ir-rabja kull darba li l-attriċi kienet tistaqsi dwar l-*accounts.* Ix-xhud qalet li hi u ommha, il-konvenuta, kienu ssuspettaw fl-attriċi meta darba minnhom daħlu xogħol fl-uffiċċju u sabu li xi ħadd kien sgassa kexxun jew armarju fejn kienu jinżammu l-kotba tan-negozju, għaliex min għamel dan kellu mezz biex jidħol mill-bieb ta' barra biċ-ċwievet. Qalet ukoll li l-attriċi u bintha wara kienu ammettew li kienu huma li sgassaw il-kxaxen biex jieħdu pussess tal-*files*. Ix-xhud qalet ukoll li nqala' argument fejn Demi, it-tifla ż-żgħira tal-attriċi kienet beżqet fuq il-konvenuta, tant li biex l-affarijiet ikkalmaw kellha titla' oħra minn ulied l-attriċi li talbet lil oħtha ż-żgħira titlaq mill-kamra. Ix-xhud ikkonfermat li dakinhar li l-attriċi talbitha titlaq min-negozju, bilkemm tatha ċans tlesti lill-klijenta li kienet bdiet, għaliex talbitha titlaq mill-ewwel. Ix-xhud qalet ukoll li kif rat hekk hi kienet ħadet ritratt tal-appuntamenti li kellha għat-tliet ġimgħat ta' wara, ippakkjat ħwejjiġha u telqet.

Permezz ta' rikors ippreżentat mill-attriċi fis-7 ta' Frar, 2018, l-attriċi talbet il-ħatra ta' perit komputista, u dan in vista tal-fatt li fl-atti ta' dawn il-proċeduri kien ġie esebit il-ktieb tan-negozju li kellhom il-partijiet, u l-attriċi dehrilha li dan jikkostitwixxi prova kumplessa, u kien għalhekk li din talbet il-ħatra ta'

[51] *A fol.* 560 tal-proċess.
[52] *A fol.* 561 tal-proċess.

perit komputista biex jirrelata dwar il-mertu tal-każ. Il-Qorti tat digriet dwar din it-talba fil-25 ta' April, 2018, wara li semgħet x'kellha xi tgħid il-konvenuta fil-kawża, fejn saret riferiment għall-fatt li sta għall-attriċi li tipprova dak allegat minnha, u li tagħmel sens mill-provi li ressqet fil-kawża hija stess. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-attriċi naqset milli tħarrek lill-awditur tagħha biex jitla' jixhed f'dawn il-proċeduri, u għalhekk irrifjutat it-talba.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Monica Agius**[53], li kkonfermat li f'Ġunju tal-2014 hi kienet impjegata mal-partijiet, u li kienet tirċievi paga fix-xahar. Ix-xhud ikkonfermat li ommha, l-attriċi, kellha suspett fis-*sales representative* Holly Sant u allegat li din kienet qiegħda tisraq, kif ukoll li l-konvenuta ma kinitx qiegħda tkun onestà fir-rigward tal-profitti ġġenerati. Ix-xhud ikkonfermat li ommha bdiet tissuspetta ħażin minħabba li sa Awwissu din kienet għadha ma ħadet xejn mill-profitti. Ix-xhud qalet ukoll li biex waslet għall-konklużjoni li l-konvenuta ma kinitx qiegħda tkun onestà magħhom, din straħet fuq l-*accounts* tan-negozju. Ix-xhud ikkonfermat li ommha, l-attriċi, kellha suspett ukoll fil-persuna li kienet tmur tnaddfilhom l-uffiċċju, u kienet qalet li anki din kienet serqitilhom il-flus mill-*cash register* waqt li ma kien hemm ħadd fl-uffiċċju.

Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Melanie Agius**[54], li qalet li dakinhar li nqala' d-diżgwid bejn il-partijiet u ommha, l-attriċi, kienet qalet li kien hemm problemi bl-*accounts,* ommha ma kinitx qaltilha din il-problema x'kienet jew jekk kinitx sabet xi ħaġa li inkwetatha. Ix-xhud ikkonfermat li ommha kienet qiegħda tissuspetta li anki Holly Sant kienet qiegħda tisraqhom, għalkemm qalet li ma tiftakarx jekk kienx hemm xi diskors li s-seftura wkoll kienet qiegħda tisraq.

[53] *A fol.* 572 tal-proċess.
[54] *A fol.* 580 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenuta **Sue Caruana**[55], li qalet li kien hemm episodji mill-passat tal-attriċi li kienu indikattivi li din kienet tasal tiġġieled jekk l-affarijiet ma jmorrux kif tkun tixtieqhom hi. Il-konvenuta semmiet episodju meta l-attriċi kienet involuta f'argument f'Paceville, u inċident ieħor meta ġiet arrestata. Ix-xhud ikkonfermat li l-pjan oriġinali kien li l-ewwel waħda minn ulied l-attriċi li kellha tiġi impjegata fin-negozju kienet Monica, minħabba li din kienet diġà taħdem fil-qasam tad-dwiefer. Melanie u Maria kienu impjegati ma' ħaddieħor f'dak iż-żmien, waħda bħala *beautician* u l-oħra bħala *hairdresser,* iżda t-tnejn li huma bdew jaħdmu fin-negozju tal-partijiet ftit wara li n-negozju beda jiġi mmexxi mid-dar tal-attriċi, u dan meta xogħol għal Melanie u Maria ma kienx hemm. Il-konvenuta kkonfermat ukoll li mill-ħamsin elf Euro (€50,000) mgħoddija lilha mill-attriċi, aktar minn għoxrin elf Euro (€20,000) ġew minfuqa minnha stess sabiex sar l-arredament tal-post sabiex jibda jintuża bħala *salon*. Il-konvenuta qalet li minkejja li ma kellhiex irċevuti biex isostnu dak li qed tgħid, il-ħlasijiet sabiex jiġi arredat is-sit tan-negozju saru kollha permezz ta' ċekkijiet, u *records* tal-pagamenti li saru ġew irreġistrati minn Carmen Mifsud, impjegata tal-partijiet. Il-konvenuta ġiet mistoqsija dwar l-episodju meta l-attriċi ltaqgħet ma' bintha fi spiżerija fejn kienet qiegħda tixtri prodotti għal trattament partikolari, u din spjegat li f'dik il-ġurnata partikolari il-kumpannija kienet għadha ma bdietx tirreklama l-prodotti tas-sbuħija u li kien għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim ma' xi distributur tal-prodotti dwar il-linja ta' prodotti li kienu ser jintużaw. Kien għalhekk li meta kellhom talba għal trattament partikolari minn klijenta li daħlet fil-ħanut, il-konvenuta bagħtet lil bint l-attriċi tixtri l-prodotti li kien hemm bżonn biex din tkun tista' taqdiha. Il-konvenuta

[55] *A fol.* 586 tal-proċess.

kkonfermat li minkejja li hi kellha dritt għal 80% mid-dħul iġġenerat mis-servizzi li kienet tagħti lill-klijenti, kif ukoll għal salarju minħabba li parti minn xogħolha kien li tgħallem lill-istudenti, hi ma kienet qiegħda tieħu xejn min-negozju. Il-konvenuta qalet ukoll li l-attriċi qatt ma talbitha tagħti spjegazzjoni dwar iċ-ċifri u l-bejgħ u l-qligħ u t-telf tan-negozju. Lill-konvenuta sarilha riferiment għad-dokument *a fol.* 93 tal-proċess u din min-naħa tagħha ammettiet li l-ħlas ta' €134 lil Regina Shoes kienet tranżazzjoni tagħha personali, bħalma kienet it-tranżazzjoni ta' €237 minn Greens Supermarket, €176 minn Marks and Spencer, €30 lil Boots, u €1,000 miġbuda permezz ta' *credit card* mill-bank, għalkemm dwar din it-tranżazzjoni l-konvenuta qalet li kien hemm istanzi fejn hi kienet tiġbed il-flus minn kont biex tiddepożitahom f'kont ieħor. Il-konvenuta qalet li hi ma kellha xejn x'taħbi, tant li d-dokumentazzjoni dwar dawn it-tranżazzjonijiet kienet tħalliet kollha fil-post minn fejn kien qiegħed jiġi ġestit in-negozju. Il-konvenuta qalet ukoll li dawn il-ħlasijiet għal effetti personali tagħha kienu saru minħabba li hi ma kienet qiegħda tieħu l-ebda salarju mill-kumpannija. Qalet ukoll li l-attriċi lilha qatt ma staqsietha xejn dwar dawn it-tranżazzjonijiet, u minflok daħlet fl-uffiċċju billejl, kissret is-serratura u ppruvat tidħol fil-*files* biex tara x'kien hemm. Mistoqsija dwar il-fatt li l-konvenuta kienet iffirmat karta fejn stqarret li kienet utilizzat għaxart elef Euro min-negozju għal xiri ta' oġġetti personali tagħha, il-konvenuta wieġbet:

> *"I did not admit in writing. What happened was that she was shouting, screaming, throwing herself on the floor, crying, saying that if I sign this piece of paper, originally she wrote a paper for thirty thousand, she told me if you sign this everything is going to get back to normal and we start from scratch and I refused to do it. There was such a huge scene that she chucked out all the clients, we were only the staff from the salon, her daughter Monica was doing my nails, my daughter was sitting next to me crying and she told me listen just*

*sign it, we'll sort everything out later and let's just try to get back to normal. So then she went up to the office again and got Carmen to re-write it, she put it down to ten thousand, I signed it very much against my will but I signed it and then a few days later she brought in her own auditors to go through all the accounts, we started having weekly meetings, with the auditors I proved that I had not taken anything and then she actually tore up the paper because I had proved that I had not taken anything."*

Il-konvenuta qalet li l-irċevuti u d-dokumentazzjoni kollha marbuta mal-infiq u d-dħul tan-negozju kienet ipproċessata minn Carmen Mifsud, u li hi ma kellhiex *records* dwar dan. Ix-xhud qalet ukoll li l-awditur li ġie mqabbad mill-attriċi ma setax jikkonstata li kien hemm xi ħaġa li mhix f'lokha, tant li l-attriċi kienet qabdet u qattgħet il-karta inkwistjoni quddiemu stess u quddiem l-impjegata Carmen Mifsud. Il-konvenuta kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li l-miljoramenti li saru fil-proprjetà tal-attriċi kollha baqgħu hemm, inkluż l-i*stocks*, l-għamara, il-*fittings*, il-paviment ġdid, il-klijentela, kollox. Il-konvenuta qalet li minkejja li l-attriċi kienet ikkontribwiet biss 50% għan-negozju, din spiċċat ħadet il-100% ta' dak li kien hemm fin-negozju, filwaqt li issa kienet qiegħda tfittex lill-konvenuta għal 50%.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti evalwat il-provi li tressqu f'din il-kawża, kemm dak li semgħet verbalment waqt l-udjenzi li nżammu quddiemha, minn fejn ħarġu diversi konflitti fix-xhieda mogħtija mill-partijiet, kif ukoll id-diversi dokumenti li ġew esebiti fl-atti, minn fejn jirriżultaw diversi diskrepanzi jekk mhux addirittura anomaliji fil-mod kif kellha tiġi regolata r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet. Jibda biex jingħad li l-ftehim li permezz tiegħu twaqqfet din is-sħubija bejn il-partijiet, hu wieħed nieqes minn diversi elementi essenzjali li setgħu

jwasslu biex jiġu evitati l-problemi li nqalgħu bejn il-partijiet. Kif inhuma nieqsa għalkollox dettalji kruċjali li kien jagħmel sens li jiġu inklużi fi ftehim bħal dak milħuq bejn il-partijiet, bħalma kienu jkunu per eżempju, it-termini tal-ingaġġ ta' kull waħda mill-impjegati fin-negozju, min mill-impjegati kien ser jipperċepixxi salarju min-negozju u min kien ser jieħu *commission,* kemm kellu jkun il-kontribut għan-negozju ta' kull persuna ingaġġata fin-negozju mill-ħlas li jintalab lill-klijent, jekk is-sħubija ossija soċjetà ċivili bejn il-partijiet kinitx ser tassumi obbligi kkontrattati mill-kumpannija li preċedentement kienet titmexxa unikament mill-konvenuta, u jekk obbligu bħalma huwa self bankarju kienx ser jibqa' jitħallas minn fondi tal-kumpannija li kellha l-konvenuta f'isimha biss, jew kienx ser jitħallas minn fondi tas-sħubija. Jirriżulta wkoll li qabel daħal fis-seħħ il-ftehim bejn il-partijiet, ma sar l-ebda inventarju dwar kull parti x'ħadet fin-negozju, u filwaqt li jidher li l-attriċi ħallset mas-sebgħin elf Euro (€70,000) biex daħlet sħab mal-konvenuta, mhux ċar kemm kien il-kontribut tal-konvenuta f'din l-intrapriża, minkejja li din xehdet li hi kkontribwiet permezz tal-i*stock* tal-prodotti li kellha, li kienu jiswew mas-sittin elf Euro (€60,000), għalkemm ma ngabet l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Il-Qorti mhix sorpriża li quddiem sitwazzjoni bħal din, in-negozju bejn il-partijiet sfaxxa wara biss ftit ġimgħat, minħabba li jidher ċar li la r-rwoli differenti u separati tal-partijiet ma ġew definiti qabel beda n-negozju, u lanqas ma ġie ppuntwalizzat jekk kienx il-każ li l-attriċi kellha jedd għal nofs il-profitti, filwaqt li l-konvenuta, li mill-provi jirriżulta li kienet tikkontribwixxi ferm aktar ħin, enerġija u li kellha l-ħiliet u l-kredenzjali kollha neċessarji biex toffri servizzi lill-klijenti tan-negozju, kif fil-fatt kienet tagħmel, kellhiex jedd li apparti nofs il-profitti tieħu wkoll salarju, jew *commission,* jew it-tnejn.

Id-diżgwid bejn il-partijiet beda minħabba li l-attriċi bdiet turi nuqqas ta' fiduċja mhux biss fil-konvenuta iżda wkoll fl-impjegati li mxew mal-konvenuta fin-negozju ġdid li twaqqaf bejn il-partijiet, tant li l-attriċi allegat li kien hemm żewġ impjegati fin-negozju li kienu wkoll qegħdin jisirquha. Iffaċċjata b'diversi verżjonijiet differenti tal-mod kif seħħew l-affarijiet, il-Qorti ser tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-konvinċiment morali tagħha dwar kif seħħew l-affarijiet fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward. Fis-sentenza fl-ismijiet **George Borg *vs.* Joseph Meilak**[56], il-Qorti qalet:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[57], intqal illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[58]

---

[56] P.A., 30.10.2003.
[57] App., 06.05.2011.
[58] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**[59], il-Qorti kkonkludiet:

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

[59] P.A., 28.04.2004.

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.
b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."[60]

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[61] jingħad:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta'

[60] App. Inf., 12.04.2007.
[61] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

> l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet."

L-allegazzjoni ewlenija tal-attriċi hija li l-konvenuta mmisapproprjat flejjes tas-sħubija li kienet teżisti bejn il-partijiet. Tul is-smigħ tal-provi ssemmew diversi ċifri ta' kemm kien dan l-ammont li allegatament ġie misapproprjat, fosthom is-sebgħin elf Euro (€70,000) li ħarġet l-attriċi bħala sehemha mill-kapital, għaxart elef Euro (€10,000) li allegatament il-konvenuta ammettiet li ħadet mill-fondi tan-negozju għax-xiri ta' effetti personali tagħha, kif ukoll is-somma ta' aktar minn mija u tnax-il elf Euro (€112,000) li l-attriċi qalet li kienu flejjes tan-negozju li ma kien hemm ebda traċċa tal-mod kif intefqu, u li minnhom ma kien baqa' xejn. Mistoqsija in kontroeżami, l-attriċi wieġbet li l-uniċi fondi li ma ġewx immisapproprjati kienu dawk li ntefqu direttament f'miljoramenti fil-proprjetà tagħha, jiġifieri l-ammont ta' €6,800 li tħallas lil min għamel ix-xogħol ta' tibjid, kisi, bdil ta' pavimenti, u xogħol simili, €6,000 li tħallsu lill-mastrudaxxa, u €4,859.99 li hi personalment nefqet f'*soft furnishings.* Waqt il-kontroeżami li sarilha, l-attriċi qalet li flejjes oħra tas-sħubija li ġew minfuqa, intefqu mingħajr l-approvazzjoni tagħha u għalhekk kien hemm misapproprjazzjoni ta' dawn il-fondi mill-konvenuta. L-attriċi xehdet li hi kienet taf li l-ġestjoni tan-negozju ġiet fdata interament f'idejn il-konvenuta, u li xogħol il-konvenuta kien jinkludi t-tmexxija tal-kumpannija, it-tmexxija tal-impjegati, xogħol u servizzi pprestati lill-klijenti speċifikament fir-rigward ta' tatwaġġi u dwiefer, l-amministrazzjoni u t-tagħlim ta' korsijiet ta' taħriġ lil min jixtieq jitħarreġ f'din il-linja, kif ukoll l-amministrazzjoni ta' kampanji ta' *marketing* u reklamar li kull negozju ftit jew wisq irid jagħmel. L-attriċi xehdet

li hi kienet tippretendi li ta' dan kollu l-konvenuta ma tieħu xejn għajr għal nofs il-profitti tal-kumpannija, meta u jekk dawn il-profitti jiġu rreġistrati.

Id-dokument *a fol.* 72 ippreżentat mix-xhud Carmen Mifsud huwa l-uniku dokument fil-proċess li l-Qorti tqis li jista' jikkostitwixxi prova oġġettiva tal-ħlasijiet kollha li saru tul il-ftit xhur li fihom kien għaddej dan in-negozju bejn il-partijiet. Minn dan id-dokument, u kuntrarjament għal dak li stqarret fix-xhieda tagħha l-konvenuta, li tul ix-xhur li fihom kienet qiegħda taħdem biex tagħti spinta lil dan in-negozju ġdid tal-partijiet, hi ma ħadet l-ebda salarju u l-ebda *commission* li kienet dovuta lilha, jirriżulta li l-konvenuta ħadet salarju u *commission* fl-ammont ta' €12,270, u ċjoè €1,000 fix-xahar bħala salarju, li l-Qorti fehmet li kien salarju abbinat mal-fatt li hi kienet effettivament qiegħda tmexxi dan in-negozju, u €8,370 rappreżentanti t-80% *commission* dovuti lill-konvenuta bħala sehemha mill-ħlasijiet li jsiru mill-klijenti tan-negozju. Ġie ppruvat minn diversi xhieda li xehdu fil-kawża, li l-arranġament li kellhom il-persuni impjegati f'din l-intrapriża kien li jieħdu 80% tal-ħlasijiet li jsiru mill-klijenti għalihom, filwaqt li jikkontribwixxu 20% ta' dawn il-ħlasijiet għan-negozju. Il-Qorti qieset li l-attriċi ma kellhiex rwol attiv fin-negozju, u dan fuq talba tagħha stess, u li l-attriċi ma kellhiex il-ħiliet neċessarji biex toffri xi tip ta' servizz f'negozju ta' din ix-xorta. Ikkunsidrat ukoll li l-konvenuta min-naħa tagħha kellha snin ta' esperjenza warajha fit-tmexxija ta' negozji simili, kellha klijentela stabbilita li mxiet magħha meta ġiet iffurmata s-sħubija bejn il-partijiet, u li għalhekk parti sostanzjali minn dak li beda jiġi ġġenerat minn din l-intrapriża, li kienet għadha qiegħda tiżviluppa, kien qiegħed jiġi ġġenerat unikament bis-saħħa tal-preżenza tal-konvenuta f'dan in-negozju, li wieħed jifhem li kellha l-kuntatti neċessarji biex tirreklama u biex tiġbed lejn in-negozju klijenti ġodda, li kellha l-għarfien ta' kif għandha tippresta s-servizzi

mitluba minnha, u li kienet involuta f'kull aspett ta' dan in-negozju, mill-bejgħ tal-prodotti, sat-tagħlim lill-istudenti li xtaqu jitħarrġu f'dan il-qasam, mill-ġestjoni tan-negozju minn ġurnata għal ġurnata, sa kuntatti ma' distributuri barra minn Malta. Għal dan kollu, l-attriċi ppretendiet li l-konvenuta ma tieħu l-ebda ħlas, u dan meta mill-provi jirriżulta li wlied l-attriċi ddaħħlu jaħdmu f'din l-intrapriża b'salarju fiss anki jekk xogħol għalihom ma tantx kien hemm, peress li s-servizzi li setgħu joffru huma ma kienx hemm klijentela għalihom.

Il-konvenuta min-naħa tagħha tiċħad li hi ħadet l-ammont ta' €12,270 li kien dovut lilha bħala ħlas, u qalet li f'dawk ix-xhur sakemm tara n-negozju jaqbad hi ma kienet qiegħda tieħu l-ebda forma ta' salarju jew dħul ieħor min-negozju. Il-Qorti kkonsidrat li din it-teżi ma tantx hi verosimili, u li d-dokument esebit *a fol.* 72 esebit mix-xhud Carmen Mifsud, li hu estratt mil-*log book* li kien jinżamm mill-istess Mifsud, kien akkurat tant li meta l-attriċi qalet lil bint il-konvenuta li ommha kienet immisapproprjat xi flejjes, bint il-konvenuta, Justine Cassano, kienet irreferiet għal-*log book* u qaltilha li f'sistema fejn jinżamm rekord għal kull tranżazzjoni u għal kull dħul u infiq li jsir min-negozju, ma jistax jintqal li xi ħadd ikun immisapproprja xi flus. Minkejja dan, il-Qorti ma tqisx illi jekk il-konvenuta tħallset dan l-ammont għal xogħolha, kien hemm xi forma ta' misapproprjazzjoni, stante li kull persuna li tagħmel xogħol għandha jedd titħallas għal xogħolha, u dan in linea mal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li *omnia labor optat premium,* għal kull xogħol li jsir għandu jkun hemm ħlas xieraq u ġust. Dan ġie ribadit saħansitra minn deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fosthom dik fl-ismijiet **Nicky Saliba *vs.* Kunsill Lokali Nadur**[62], fejn il-Qorti stabbiliet illi:

[62] Q.A. (Sede Superjuri), 02.03.2010.

> "Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' prinċipju illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi *omnia labor optat premium*."

Mid-dokument esebit *a fol.* 72 jirriżulta li matul ix-xhur bejn Ġunju u Ottubru tas-sena 2014, apparti l-ammont ta' flus li ntefqu fl-arredament tad-dar minn fejn beda jiġi esegwit in-negozju, kien hemm total ta' €67,013.36 fi spejjeż li saru (total tal-ispejjeż irreġistrati fil-*log book),* fosthom għall-ħlasijiet tal-pagi tal-impjegati kollha, għax-xiri tal-bżonnijiet tal-uffiċċju, għall-ħlas tal-kera. Mill-provi rriżulta li €38,000 oħra intefqu fuq *stock* li nxtara għan-negozju.

Il-Qorti tqis li mhux kompitu tagħha li tidħol fil-komputazzjonijiet individwali u fil-mod kif kienu jinżammu l-kotba tal-kumpannija, u lanqas mhuwa dan li qiegħed jintalab minnha. Madanakollu jirriżulta mill-provi, li kuntrarjament għal dak allegat mill-attriċi li l-uniċi flus li hi tqis li ntefqu b'mod ġustifikat f'dan in-negozju kienu l-flus minfuqa għall-arredament tad-dar li wara kollox kienet u baqgħet proprjetà tagħha, kien hemm diversi spejjeż u *overheads* li ma ssemmew imkien mill-attriċi, iżda li hemm prova li tħallsu skont il-lista ta' tranżazzjonijiet miżmuma mix-xhud Carmen Mifsud. Jirriżulta wkoll li minkejja l-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenuta kienet ammettiet permezz ta' skrittura ffirmata mill-partijiet fil-preżenza ta' xhieda li ħadet mill-fondi tan-negozju s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) għall-użu personali tagħha, f'dawn il-proċeduri ma nġabet l-ebda prova tal-eżistenza ta' tali skrittura, li minn dak li xehdet il-konvenuta jirriżulta li anki jekk din ġiet iffirmata, din tqattgħet mill-attriċi stess fil-preżenza tal-awditur li ma ttellax jixhed f'dawn il-proċeduri, u dan wara li l-awditur inkarigat mill-attriċi kkonferma li l-konvenuta mhux veru

li kienet immisapproprjat jew ħadet għaliha s-somma ta' €10,000 mill-fondi tan-negozju.

Il-Qorti tqis ukoll l-ambjent li fih il-konvenuta u l-impjegati l-oħra tal-kumpannija kienu mistennija li jaħdmu, li minn dak li rriżulta mill-provi jidher li kien ambjent ta' tensjoni kbira fejn kulħadd donnu kien jibża' mill-imprevedibbilità tal-imġiba tal-attriċi. Tqis ukoll li kien f'dan il-kuntest li din l-iskrittura privata ġiet iffirmata, għalkemm din sussegwentement ġiet distrutta mill-attriċi stess, u dan wara li din l-iskrittura ġiet abbozzata fuq insistenza tagħha.

Mill-kontroeżami li sar lill-konvenuta jirriżulta li din ammettiet li xtrat effetti personali minn *supermarket* u minn ħanut tal-ħwejjeġ u taż-żraben, fost l-oħrajn bl-użu ta' fondi tal-kumpannija li jammontaw għal €1,300.12. Il-konvenuta qalet li għamlet dan minħabba li hi ma kienet qiegħda tieħu l-ebda salarju jew forma ta' introjtu mill-kumpannija minkejja s-sigħat twal li kienet taħdem. Kien hemm ukoll ħlasijiet ta' €3,044.05 li tħallsu mill-kont tal-HSBC lil GO plc, u ta' €3,196.88 mill-kont tal-Banif u €701.40 mill-Visa Card tal-Banif għas-self ikkontrattat mill-konvenuta qabel daħlet f'din ir-relazzjoni kummerċjali mal-attriċi, li dwarhom ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni mill-konvenuta u li ma jidhirx li huma spejjeż li ntefqu b'rabta man-negozju bejn il-partijiet. Il-Qorti tordna li dawn l-ammonti li jġibu t-total ta' €8,242.55 għandhom jitħallsu mill-konvenuta fl-intier tagħhom lill-attriċi, stante li ma jirriżultax li dan intefqu b'rabta ma' spejjeż tan-negozju.

Il-Qorti qieset ukoll l-allegazzjonijiet l-oħra tal-attriċi, li fit-talbiet tagħha sostniet li l-konvenuta kienet ikkomunikat mad-ditti esteri u ħeġġithom biex

ma jissupplixxux prodotti tagħhom lill-attriċi. Mill-provi miġjuba jirriżulta li dan mhux talli ma kienx il-każ, talli l-konvenuta kienet infurmat lid-ditti esteri li s-sħubija bejn il-partijiet kienet spiċċat, u ħeġġithom biex ikomplu mal-attriċi r-relazzjoni li qabel kellhom magħha.[63] *Emails* ta' din ix-xorta evidentement jikkontradixxu l-allegazzjonijiet tal-attriċi, li ma ġabet l-ebda prova ta' xi korrispondenza li turi li l-konvenuta kienet talbet lil xi distributur jieqaf milli jissupplixxi lill-attriċi bil-prodotti tiegħu. Mill-korrispondenza esebita fl-atti ta' din il-kawża, jirriżulta wkoll li l-konvenuta minkejja dak kollu li ġara bejn il-partijiet, baqgħet toffri l-għajnuna tagħha u tħeġġeġ impjegati li baqgħu jaħdmu mal-attriċi biex javviċinawha f'każ li tinqala' xi problema jew diffikultà.

Allegazzjoni oħra li għamlet l-attriċi kienet li l-konvenuta ġabret flus dovuti lill-attriċi wara li din telqet min-negozju, allegazzjoni li ġiet miċħuda minn Holly Sant, is-*sales representative* tal-kumpannija, li qalet li wara li telqet il-konvenuta, hi kienet baqgħet tiġbor il-flejjes dovuti lill-kumpannija u tgħaddihom lil Carmen Mifsud. Prova li l-konvenuta ġabret xi flejjes li ma kinux dovuti lilha imma lin-negozju, ma nġabitx u għaldaqstant din it-talba tal-attriċi wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

Il-Qorti kkunsidrat l-ambjent xejn feliċi li nħoloq f'dan il-post tan-negozju partikolari, riżultat ta' diversi fatturi li mhux neċessarjament taħti għalihom xi parti jew oħra, u qieset li minn dak li semgħet mid-diversi xhieda, ma kienx il-każ li l-konvenuta telqet min-negozju b'kapriċċ jew mingħajr raġuni ta' xejn, iżda li din telqet sforz l-attitudni mill-aktar negattiva tal-attriċi u wliedha. Il-

[63] Dokument *a fol.* 116 tal-proċess, estratt minn *email* mibgħuta mill-konvenuta lil Dagmar Raczek, wieħed mill-fornituri tal-provvisti għan-negozju, fejn din qaltlu hekk, *"I am forwarding you her details and mailing address so that you can communicate with her directly. It is with a very heavy heart that I thank you for the years we have worked together. It has been a great experience for me and I have loved the products and the brand. I am sure that Ann and her daughter Monica will do very well with it and I wish you all the luck in your future dealings."*

Qorti mhix ser terġa' tidħol f'dak kollu li ntqal mix-xhieda, però jirriżulta li wara s-sigħat twal ta' xogħol li kienet qiegħda tagħmel il-konvenuta fi sforz biex dan in-negozju jirnexxi, l-atteġġjament tal-attriċi li daħlet fl-uffiċċju tal-kumpannija fis-satra tal-lejl, sgassat kexxun fejn kienu jinżammu r-*records* tal-kumpannija, għajtet mal-konvenuta quddiem il-klijenti u għamlet allegazzjonijiet serjissimi dwarha fil-pubbliku, meta wieħed jifhem li l-konvenuta kienet il-persuna li tagħmel kollox f'dan in-negozju, ma kienx atteġġjament aċċettabbli taħt l-ebda ċirkostanza. Jirriżulta wkoll li l-attriċi ma sofriet l-ebda danni, u dan stante li s-sit minn fejn kien qiegħed jiġi ġestit in-negozju baqa' fil-pussess tagħha, bħalma baqa' fil-pussess tagħha l-i*stock*, il-*goodwill,* ir-reputazzjoni tas-*salon* u dak kollu li beda jinbena fil-ftit żmien li din ir-relazzjoni kummerċjali kienet ilha għaddejja. Wara kollox meta ngħatat iċ-ċans mill-konvenuta li tieħu flusha kollha lura u toħroġ mis-sħubija, l-attriċi ma aċċettatx li tagħmel dan, u għalhekk l-allegazzjoni tagħha li sofriet danni minħabba f'dak li ġara mhijiex mistħoqqa u m'għandhiex tintlaqa'.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanti f'dawn il-proċeduri, li qalet li fid-dawl ta' dak kollu li ġara bejn il-partijiet, il-mod kif ir-relazzjoni ta' bejniethom iddeterjorat sal-punt li l-konvenuta rikonvenzjonanti ħasset li l-unika ħaġa li setgħet tagħmel kienet li titlaq min-negozju, fejn ħalliet warajha l-i*stock* kollu introdott minnha stess fin-negozju, l-informazzjoni dwar il-klijenti tagħha, *data* fuq kompjuters dwar id-ditti u l-kuntatti tagħha, u dak kollu li kienet ilha tibni fuq medda ta' ħmistax-il sena, kien jammonta għal 'kunsinna forzata tal-ġid tal-konvenuta lill-attriċi', u għalhekk fil-kontrotalba tagħha l-konvenuta rikonvenzjonanti talbet lill-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-attriċi rikonvenzjonata kien illegali u li kien jammonta għal ksur tal-ftehim bejn

il-kontendenti għad-dannu tal-konvenuta rikonvenzjonanti, sabiex il-Qorti tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenuta rikonvenzjonanti u sabiex tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallas dawn id-danni lill-konvenuta.

Jirriżulta li l-konvenuta rikonvenzjonanti telqet min-negozju li kellha mal-attriċi rikonvenzjonata minħabba fl-imġiba tal-attriċi rikonvenzjonata, li l-Qorti diġà ppronunzjat ruħha dwarha. Jirriżulta wkoll li meta l-konvenuta rikonvenzjonanti telqet min-negozju, din ħalliet warajha parti mill-i*stock*, ikkonċediet l-esklussività tad-ditti li kienet timporta mingħandhom lill-attriċi rikonvenzjonata, tant li kienet il-konvenuta rikonvenzjonanti li għarrfet lil dawn id-ditti esteri li minn dak il-punt 'il quddiem kellhom jagħmlu kuntatt mal-attriċi rikonvenzjonata u mhux aktar magħha. Wieħed jifhem li meta f'temp ta' ftit xhur, il-konvenuta rikonvenzjonanti ħtiġilha tibdel il-post minn fejn kienet toffri s-servizzi tagħha xejn anqas minn tliet darbiet, dan kellu xi forma ta' impatt fuq in-negozju u r-reputazzjoni tagħha, tant li wara dan kollu l-konvenuta rikonvenzjonanti kellha terġa' tibda tistabbilixxi ruħha mill-ġdid. Jirriżulta wkoll li wara li l-konvenuta rikonvenzjonanti telqet min-negozju, din kienet ippruvat tasal fi ftehim mal-attriċi rikonvenzjonata, billi fost l-oħrajn ipproponiet li jsir il-ħlas ta' tletin elf Euro (€30,000) mill-attriċi lilha sabiex hi tkun tista' terġa' tiftaħ in-negozju għal rasha. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attriċi rikonvenzjonata qablet li tħallas dan l-ammont lill-konvenuta rikonvenzjonanti, dan il-ħlas baqa' ma sarx. Il-konvenuta rikonvenzjonanti elenkat ukoll spejjeż marbuta man-negozju li hi kellha tagħmel wara li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet sfaxxat, fosthom flus li hi nefqet għax-xiri ta' *stock*, ħlas tal-kontijiet tal-Melita tad-dar tal-attriċi, prodotti tas-sbuħija li nxtraw f'Settembru tal-2014 u li baqgħu effettivament fil-proprjetà tal-attriċi

rikonvenzjonata, il-ħlas tal-kera lill-attriċi fl-ammont ta' €6,000, liema spejjeż il-konvenuta rikonvenzjonanti allegat li kellha tagħmel tajjeb għalihom minn flusha. Il-Qorti kkonsidrat li wħud minn dawn l-ispejjeż, bħas-€6,000 ħlas tal-kera, kienu diġà ġew fatturati fil-*log book* esebit minn Carmen Mifsud, filwaqt li ma nġabet l-ebda prova li l-prodotti mixtrija mill-konvenuta rikonvenzjonanti fiż-żmien meta r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet għadha għaddejja, baqgħu fil-pussess tal-attriċi rikonvenzjonata. Jirriżulta madanakollu li l-'prezz' li l-attriċi rikonvenzjonata qablet li għandha tħallas sabiex il-konvenuta rikonvenzjonanti toħroġ min-negozju, baqa' ma tħallasx lill-konvenuta rikonvenzjonanti, u dan b'dannu għaliha stante li din sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha terġa' tibda n-negozju mill-ġdid, bix-xiri tal-i*stock* u bl-investimenti inizjali li t-twaqqif ta' negozju bħal dan iġib miegħu. Il-Qorti kkunsidrat li l-ammont ta' tletin elf Euro (€30,000) kien hemm qbil dwaru minħabba li jirrappreżenta l-valur ta' dak li l-konvenuta rikonvenzjonanti qieset li kien il-prezz li l-attriċi rikonvenzjonata kellha tħallas talli effettivament sabet negozju avvjat, bl-impjegati, bil-klijentela, bi prodotti li setgħet tibqa' timporta hi bħala distributur ewlieni u dan bis-saħħa tal-arranġamenti li għamlet il-konvenuta rikonvenzjonanti f'dan ir-rigward. Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li l-konvenuta rikonvenzjonanti sofriet danni fis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) ħtija tal-imġiba xejn korretta tal-attriċi li sfurzatha 'l barra min-negozju, u konsegwenza ta' dan il-konvenuta din ħtiġilha terġa' tistabbilixxi ruħha mill-ġdid fin-negozju tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-attriċi, b'dan illi filwaqt li tiddeċiedi li ma kien hemm l-ebda misapproprjazzjoni da parti tal-konvenuta ta' xi flejjes tan-negozju mertu tal-kawża, tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €8,242.55 rappreżentanti flejjes minfuqa fuq effetti personali tal-konvenuta minn flus l-isħubija ta' bejn il-partijiet;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet li qajmet l-attriċi rikonvenzjonata għall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanti;**

3. **Tilqa' l-kontrotalbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti u tillikwida d-danni dovuta lill-konvenuta rikonvenzjonanti mill-attriċi rikonvenzjonata fis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000);**

4. **Tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000).**

**Spejjeż tal-kawża jinqasmu kwantu għal kwart (1/4) għall-konvenuta u kwantu għal tliet kwarti (3/4) għall-attriċi. Bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.